

Linji Gwida



Linji gwida 3/2019 dwar l-ippro essar ta' *data* personali permezz ta' apparat video

Verżjoni 2.0

Adottata fid-29 ta' Jannar 2020

Translations proofread by EDPB Members.
This language version has not yet been proofread.

Storja tal-verżjonijiet

Verżjoni 2.0	Id-29 ta' Jannar 2020	Adozzjoni tal-Linji gwida wara konsultazzjoni pubblika
Verżjoni 1.0	L-10 ta' Lulju 2019	Adozzjoni tal-Linji gwida għal konsultazzjoni pubblika

Werrej

1	Introduzzjoni.....	5
2	Ambitu tal-applikazzjoni.....	7
2.1	<i>Data</i> Personali	7
2.2	Applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi, LED (UE2016/680)	7
2.3	Eżenzjoni domestika	7
3	Legalità tal-ipproċessar	9
3.1	Interess leġittimu, l-Artikolu 6(1)(f).....	9
3.1.1	Eżistenza ta' interessi leġittimi	9
3.1.2	In-neċessità tal-ipproċessar.....	10
3.1.3	Ibbilanċjar tal-interessi	11
3.2	Neċessità li jitwettaq kompitu għal interess pubbliku jew għall-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali vestita fil-kontrollur, l-Artikolu 6(1)(e)	13
3.3	Il-kunsens, l-Artikolu 6(1)(a)	14
4	Żvelar ta' filmati lil partijiet terzi	15
4.1	Żvelar ta' filmati lil partijiet terzi b'mod ġenerali.....	15
4.2	Żvelar ta' filmati lil aġenziji tal-infurzar tal-liġi	15
5	Ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' <i>data</i>	17
5.1	Kunsiderazzjonijiet ġenerali fl-ipproċessar ta' <i>data</i> bijometrika	18
5.2	Miżuri ssuġġeriti biex jiġu minimizzati r-riskji meta tiġi pproċessata <i>data</i> bijometrika.....	21
6	Drittijiet tas-suġġett tad- <i>data</i>	23
6.1	Dritt għall-aċċess	23
6.2	Dritt għal tħassir u dritt għal oġġezzjoni	24
6.2.1	Dritt għal tħassir/ Dritt li tkun minsi(ja)	24
6.2.2	Dritt ta' oġġezzjoni	25
7	Obbligi ta' trasparenza u ta' informazzjoni	27
7.1	Informazzjoni tal-ewwel saff (sinjal ta' twissija)	27
7.1.1	Pożizzjonament tas-sinjal ta' twissija	27
7.1.2	Kontenut tal-ewwel saff	27
7.2	Informazzjoni tat-tieni saff	28
8	Perjodi ta' ħżin u obbligu ta' tħassir.....	30
9	Miżuri tekniċi u organizzazzjonali.....	30
9.1	Ħarsa ġenerali lejn is-sistema ta' sorveljanza bil-video	31
9.2	Protezzjoni tad- <i>data</i> mid-disinn u b'mod awtomatiku	32
9.3	Eżempji konkreti ta' miżuri rilevanti.....	33

9.3.1	Miżuri organizzazzjonali	33
9.3.2	Miżuri tekniċi	34
10	Valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad- <i>data</i>	35

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 70(1e) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE, (aktar 'il quddiem "GDPR"),

Wara li kkunsidra l-Ftehim taż-ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018¹,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 12 u l-Artikolu 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

ADOTTA L-LINJI GWIDA LI ĠEJJIN

1 INTRODUZZJONI

1. L-użu intensiv ta' apparat video għandu impatt fuq l-imgħiba taċ-ċittadin. L-implimentazzjoni sinifikanti ta' dawn l-għodod f'ħafna oqsma tal-ħajja tal-individwi tpoġġi pressjoni addizzjonali fuq l-individwu biex jiġi evitat li jinstab dak li jista' jitqies b'ħala anomaliji. De facto, dawn it-teknoloġiji jistgħu jillimitaw il-possibbiltajiet ta' moviment anonimu u l-użu anonimu ta' servizzi u b'mod ġenerali jillimitaw il-possibbiltà li wieħed jibqa' inosservat. L-implikazzjonijiet fuq il-protezzjoni tad-*data* huma kbar ħafna.
2. Filwaqt li l-individwi jistgħu jkunu komdi b'sorveljanza bil-video stabbilita għal ċertu skop ta' sigurtà, pereżempju, iridu jittieħdu garanziji biex jiġi evitat kwalunkwe użu ħażin għal skopijiet totalment differenti u – għall-finijiet tas-suġġett tad-*data* – mhux mistennija (eż. skop ta' kummerċjalizzazzjoni, monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-impjegati, eċċ.). Barra minn hekk, issa qed jiġu implimentati ħafna għodod biex jiġu sfruttati l-immaġnijiet irreġistrati u biex il-kameras tradizzjonali jinbidlu f'kameras intelliġenti. L-ammont ta' *data* ġġenerata mill-video, flimkien ma' dawn l-għodod u t-tekniki jżidu r-riskji ta' użu sekondarju (kemm jekk relatat mal-iskop oriġinarjament assenjat lis-sistema kif ukoll jekk le) jew anke r-riskji ta' użu ħażin. Il-prinċipji ġenerali fil-GDPR (l-Artikolu 5), jenħtieġ li dejjem jiġu kkunsidrati b'attenzjoni meta tiġi ttrattata s-sorveljanza bil-video.
3. Is-sistemi ta' sorveljanza bil-video jbiddu f'ħafna aspetti l-mod kif il-professjonisti mis-settur privat u pubbliku jinteraġixxu f'postijiet privati jew pubbliċi bl-għan li jtejjbu s-sigurtà, jiksbu analiżi tal-udjenja, iwasslu reklamar personalizzat, eċċ. Is-sorveljanza bil-video saret tikseb ukoll prestazzjoni għolja permezz tal-implimentazzjoni dejjem akbar tal-analiżi intelliġenti tal-video. Dawn it-tekniki jistgħu jkunu aktar intrużivi (eż. teknoloġiji bijometriċi kumplessi) jew anqas intrużivi (eż. algoritmi ta' għadd sempliċi). B'mod ġenerali qed isir dejjem aktar diffiċli li wieħed jibqa' anonimu u li tiġi ppreservata l-privatezza ta' dak li jkun. Il-kwistjonijiet tal-protezzjoni tad-*data* mqajma f'kull sitwazzjoni jistgħu jvarjaw, u hekk ukoll l-analiżi legali se tintuża kwalunkwe waħda minn dawn it-teknoloġiji.

¹ Referenzi għall-"Istati Membri" li jsiru f'din l-opinjoni għandhom jinftieħmu b'ħala referenzi għall-"Istati Membri taż-ŻEE".

4. Minbarra kwistjonijiet ta' privatezza, hemm ukoll riskji relatati ma' ħsarat possibbli f'dawn l-apparati u mal-preġudizzji li jistgħu jikkawżaw. Ir-riċerkaturi jirrapportaw li s-software użat għall-identifikazzjoni, għar-rikonossiment, jew għall-analiżi tal-wiċċ jaħdem b'mod differenti abbażi tal-età, tas-sess, u tal-etniċità tal-persuna li tkun qed tiġi identifikata. L-algoritmi jaħdmu abbażi ta' demografija differenti u, għalhekk, il-preġudizzju fir-rikonossiment tal-wiċċ jhedded li jsaħħaħ il-preġudizzji tas-soċjetà. Din hija r-raġuni għaliex, il-kontrolluri tad-*data* jeħtiġilhom jiżguraw ukoll li l-ipproċessar tad-*data* bijometrika li tinkiseb mis-sorveljanza bil-video jkun soġġett għal valutazzjoni regolari tar-rilevanza tiegħu u tas-suffiċjenza tal-garanziji pprovduti.
5. Is-sorveljanza bil-video ma tkunx awtomatikament neċessità meta jkun hemm mezzi oħra kif jista' jintlaħaq l-iskop sottostanti. Inkella nirriskjaw li jkun hemm tibdil fin-normi kulturali li jwassal għall-aċċettazzjoni ta' nuqqas ta' privatezza bħala l-punt tat-tluq.
6. Dawn il-linji gwida għandhom l-għan li jagħtu gwida dwar kif għandu jiġi applikat il-GDPR b'rabta mal-ipproċessar ta' *data* personali permezz ta' apparati video. L-eżempji mhumiex eżawrjenti, ir-raġunament ġenerali jista' jiġi applikat għall-oqsma potenzjali kollha ta' użu.

2 AMBITU TAL-APPLIKAZZJONI²

2.1 Data Personali

7. Il-monitoraġġ awtomatizzat sistematiku ta' spazju speċifiku permezz ta' mezzi ottiċi jew awdjoviżivi, l-aktar għal finijiet ta' protezzjoni tal-proprjetà, jew biex jiġu protetti l-ħajja u s-saħħa tal-individwu, sar fenomenu sinifikanti ta' żminijietna. Din l-attività għib magħha għbir u żamma ta' informazzjoni bl-istampi jew awdjoviżiva fuq il-persuni kollha li jidhru fl-ispazju mmonitorjat li jkunu identifikabbli fuq il-bażi ta' dehriet tagħhom jew ta' elementi speċifiċi oħra. L-identità ta' dawn il-persuni tista' tiġi stabbilita fuq il-bażi ta' dawn id-dettalji. Tippermetti wkoll l-ipproċessar ulterjuri ta' *data* personali dwar il-preżenza u l-imġiba tal-persuni fl-ispazju partikolari. Ir-riskju potenzjali ta' użu ħażin ta' din id-*data* jikber fir-rigward tad-dimensjoni tal-ispazju mmonitorjat kif ukoll tal-għadd ta' persuni li jiffrekwentaw l-ispazju. Dan il-fatt huwa rifless mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* fl-Artikolu 35(3)(c) li jeħtieġ li ssir valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* f'każ ta' monitoraġġ sistematiku ta' żona aċċessibbli pubblikament fuq skala kbira, kif ukoll fl-Artikolu 37(1)(b) li jirrikjedi li l-proċessuri jaħtru uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data*, jekk l-operazzjoni ta' pproċessar, min-natura tagħha, tkun tinvolvi monitoraġġ regolari u sistematiku tas-suġġetti tad-*data*.
8. Madankollu, ir-Regolament ma japplikax għall-ipproċessar ta' *data* li ma jkollha l-ebda referenza għal persuna, eż. jekk individwu ma jkunx jista' jiġi identifikat, direttament jew indirettament.

Eżempju: Il-GDPR mhuwiex applikabbli għal kameras foloz (jiġifieri kwalunkwe kamera li ma tkunx qed taħdem bħala kamera u b'hekk ma tkunx qed tipproċessa kwalunkwe *data* personali). Madankollu, f'xi Stati Membri dawn jistgħu jkunu soġġetti għal leġiżlazzjoni oħra.

Eżempju: Ir-reġistrazzjonijiet minn altitudni għolja jaqgħu biss taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR jekk, fiċ-ċirkustanzi, id-*data* pproċessata tista' tkun relatata ma' persuna speċifika.

Eżempju: Kamera video hija integrata f'karozza biex tipprovdi assistenza fil-parkeġġ. Jekk il-kamera tinbena jew tiġi aġġustata b'tali mod li ma tiġbor l-ebda informazzjoni relatata ma' persuna fiżika (bħal pjanċi tal-liċenzja jew informazzjoni li tista' tidentifika min ikun għaddej fl-inħawi) il-GDPR ma japplikax.

- 9.
10. B'mod partikolari, l-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-investigazzjoni, tas-sejbien jew tal-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew tal-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, inklużi s-salvagwardji kontra u l-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà pubblika, jaqa' taħt id-direttiva UE2016/680.

2.3 Eżenzjoni domestika

11. Skont l-Artikolu 2(2)(c), l-ipproċessar ta' *data* personali minn persuna fiżika matul attività purament personali jew domestiku, li tista' tinkludi wkoll attività online, jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR.³

² L-EDPB jinnota li fejn il-GDPR jippermetti dan, jistgħu jkunu japplikaw rekwiżiti speċifiċi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

³ Ara wkoll il-Premessa 18.

12. Din id-dispożizzjoni – l-hekk imsejħa eżenzjoni domestika – fil-kuntest tas-sorveljanza bil-video trid tiġi interpretata b’mod strett. Għalhekk, kif ikkunsidrat il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, l-hekk imsejħa “eżenzjoni domestika” trid “tiġi interpretata fis-sens li tkopri biss l-attivitàjiet li jagħmlu parti mill-kuntest tal-ħajja privata jew familjari ta’ l-individwi, ħaġa li manifestament mhijiex il-każ fejn jidhrol l-ipproċessar ta’ data personali li jikkonsisti fil-pubblikazzjoni tagħha fuq l-internet b’tali mod li din id-data tkun aċċessibbli għal numru indefinit ta’ persuni”.⁴ Barra minn hekk, jekk sistema ta’ sorveljanza bil-video, sa fejn tkun tinvolvi r-reġistrazzjoni u l-ħżin kostanti ta’ data personali u tkopri, “anki parzjalment, spazju pubbliku, u, min-ħabba f’hekk, tkun diretta ‘l barra mill-isfera privata ta’ dak li jwettaq l-ipproċessar tad-data b’dan il-mezz, hija ma tistax titqies li hija attività purament “personali jew domestika”, fis-sens tat-tieni inċiż tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 95/46”⁵.
13. F’dak li għandu x’jaqsam mal-apparati video operati ġewwa bini ta’ persuna privata, dawn jistgħu jaqgħu taħt l-eżenzjoni domestika. Dan jiddependi fuq diversi fatturi, li lkoll iridu jiġu kkunsidrati sabiex tintlaħaq konklużjoni. Minbarra l-elementi msemmija hawn fuq identifikati mid-deċiżjonijiet tal-QEĠ, l-utent ta’ sorveljanza bil-video fid-dar jeħtieġ li jara jekk hu għandux xi tip ta’ relazzjoni personali mas-suġġett tad-data, jekk l-iskala jew il-frekwenza tas-sorveljanza tissuġġerixxi xi tip ta’ attività professjonali min-naħa tiegħu, u l-impatt negattiv potenzjali tas-sorveljanza fuq is-suġġetti tad-data. Il-preżenza ta’ kwalunkwe wieħed mill-elementi msemmija hawn fuq mhux bilfors li tissuġġerixxi li l-ipproċessar ma jaqax taħt il-kamp ta’ applikazzjoni tal-eżenzjoni domestika, peress li tkun meħtieġa valutazzjoni kumplessiva biex issir dik id-determinazzjoni.

Eżempju: Turist jirreġistra videos kemm permezz tal-mowbajl tiegħu kif ukoll permezz ta’ camcorder biex iżomm tifikira tal-vaganzi tiegħu. Huwa juri l-filmat lill-ħbieb u lill-familja iżda ma jagħmlux aċċessibbli għal numru indefinit ta’ nies. Dan jaqa’ taħt l-eżenzjoni domestika.

Eżempju: Biker tan-niżliet tal-muntanji tixtieq tirreġistra l-inżul tagħha b’actioncam. Hija qed tirkeb f’żona remota u qed tippjana biss li tuża r-reġistrazzjonijiet għad-divertiment personali tagħha d-dar. Dawn jaqgħu taħt l-eżenzjoni domestika anki jekk sa ċertu punt tiġi pproċessata data personali.

Eżempju: Xi ħadd ikun qed jissorvelja u jirreġistra l-ġnien tiegħu stess. Il-proprjetà hija magħluqa bi ċnut u huwa biss il-kontrollur innifsu u l-familja tiegħu li jidħlu fil-ġnien fuq bażi regolari. Dan jaqa’ taħt l-eżenzjoni domestika, dment li s-sorveljanza bil-video ma testendix lanqas parzjalment fuq spazju pubbliku jew proprjetà tal-ġirien.

14.

⁴ Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, is-Sentenza fil-Kawża C-101/01, *Bodil Lindqvist*, is-6 ta’ Novembru 2003, il-punt 47.

⁵ Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, is-Sentenza fil-Kawża C-212/13, *František Ryneš vs Úřad pro ochranu osobních údajů*, il-11 ta’ Diċembru 2014, il-punt 33.

3 LEGALITÀ TAL-IPPROĊESSAR

15. Qabel l-użu, l-iskopijiet tal-ipproċessar iridu jiġu speċifikati fid-dettall (l-Artikolu 5(1)(b)). Is-sorveljanza bil-video tista' taqdi ħafna skopijiet, eż. l-appoġġ għall-protezzjoni tal-proprjetà u ta' assi oħra, l-appoġġ għall-protezzjoni tal-ħajja u tal-integrità fiżika tal-individwi, il-ġbir tal-evidenza għal talbiet ċivili.⁶ Dawn l-iskopijiet ta' monitoraġġ jenħtieġ li jkunu ddokumentati bil-miktub (l-Artikolu 5(2)) u jridu jkunu speċifikati għal kull kamera ta' sorveljanza li tkun qed tintuża. Il-kameras li jintużaw għall-istess skop minn kontrollur wieħed jistgħu jiġu ddokumentati flimkien. Barra minn hekk, is-suġġetti tad-*data* jeħtiġilhom jiġu informati dwar l-iskop(ijiet) tal-ipproċessar f'konformità mal-Artikolu 13 (*ara t-taqsimha 7, Obbligi ta' trasparenza u ta' informazzjoni*). Sorveljanza bil-video bbażata fuq l-għan sempliċi ta' "sikurezza" jew "għas-sikurezza tiegħek" mhijiex speċifika biżżejjed (l-Artikolu 5(1)(b)). Barra minn hekk, tmur kontra l-prinċipju li d-*data* personali għandha tiġi pproċessata b'mod legali, ġust u trasparenti fir-rigward tas-suġġett tad-*data* (ara l-Artikolu 5(1)(a)).
16. Fil-prinċipju, kull bażi legali skont l-Artikolu 6(1) tista' tipprovdi bażi ġuridika għall-ipproċessar ta' *data* ta' sorveljanza bil-video. Pereżempju, l-Artikolu 6(1)(c) japplika fejn id-dritt nazzjonali jistipula obbligu li titwettaq sorveljanza bil-video.⁷ Madankollu, fil-prattika, l-aktar dispożizzjonijiet li x'aktarx jintużaw huma
-) l-Artikolu 6(1)(f) (interess leġittimu),
 -) l-Artikolu 6(1)(e) (neċessità li jitwettaq komputu mwettaq fl-interess pubbliku jew fl-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali).

F'każijiet pjuttost eċċezzjonali, l-Artikolu 6(1)(a) (kunsens) jista' jintuża bħala bażi ġuridika mill-kontrollur.

3.1 Interess leġittimu, l-Artikolu 6(1)(f)

17. Il-valutazzjoni legali tal-Artikolu 6(1)(f) jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin f'konformità mal-Premessa 47.

3.1.1 Eżistenza ta' interessi leġittimi

18. Is-sorveljanza bil-video tkun legali jekk tkun meħtieġa sabiex jintlaħaq l-iskop ta' interess leġittimu segwit minn kontrollur jew minn parti terza, sakemm tali interessi ma jiġux meġhluha mill-interessi tas-suġġett tad-*data* jew mid-drittijiet u mil-libertajiet fundamentali (l-Artikolu 6(1)(f)). L-interessi leġittimi segwiti minn kontrollur jew minn parti terza jistgħu jkunu interessi legali⁸, ekonomiċi jew mhux materjali.⁹ Madankollu, jenħtieġ li l-kontrollur iqis li jekk is-suġġett tad-*data* joġġezzjona għas-sorveljanza f'konformità mal-Artikolu 21, il-kontrollur jista' jipproċedi bis-sorveljanza bil-video ta' dak is-suġġett tad-*data* biss jekk ikun interess leġittimu *konvinċenti* li jegħleb l-interessi, id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-*data* jew għall-istabbiliment, għall-eżerċizzju jew għad-difiża ta' talbiet legali.

⁶ Ir-regoli dwar il-ġbir ta' evidenza għal talbiet ċivili jvarjaw fl-Istati Membri.

⁷ Dawn il-linji gwida ma janalizzawx u lanqas ma jidħlu fid-dettalji tad-dritt nazzjonali li jista' jvarja bejn l-Istati Membri.

⁸ Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, is-Sentenza fil-Kawża C-13/16, *Rīgas satiksme*, l-4 ta' Mejju 2017

⁹ ara WP217, il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29.

19. Minħabba sitwazzjoni reali u perikoluża, l-iskop li tiġi protetta l-proprjetà minn serq mill-proprjetà, serq jew vandaliżmu jista' jikkostitwixxi interess leġittimu għas-sorveljanza bil-video.
20. L-interess leġittimu jrid ikun ta' eżistenza reali u għandu jkun kwistjoni preżenti (jiġifieri ma jistax ikun fittizju jew spekulattiv)¹⁰. Jeħtieġ li tkun ikkonċernata sitwazzjoni reali ta' diffikultà – bħal danni jew inċidenti serji fil-passat – qabel tibda s-sorveljanza. Fid-dawl tal-prinċipju ta' responsabbiltà, il-kontrolluri jkun jaqblilhom jiddokumentaw inċidenti rilevanti (data, manjiera, telf finanzjarju) u l-akkużi kriminali relatati. Dawk l-inċidenti ddokumentati jistgħu jkunu evidenza b'saħħitha għall-eżistenza ta' interess leġittimu. L-eżistenza ta' interess leġittimu kif ukoll il-ħtieġa tal-monitoraġġ jenħtieġ li jiġu vvalutati mill-ġdid f'intervalli perjodiċi (eż. darba fis-sena, skont iċ-ċirkostanzi).

Eżempju: Sid ta' ħanut irid jiftaħ ħanut ġdid u jrid jinstalla sistema ta' sorveljanza bil-video biex ma jipprevjeni l-vandaliżmu. Huwa jista' juri, billi jippreżenta l-istatistika, li hemm stennija kbira ta' vandaliżmu fl-inħawi. Barra minn hekk, hija utli wkoll l-esperjenza minn ħwienet ġirien. Mhuwiex neċessarju li tkun seħħet ħsara lill-kontrollur inkwistjoni. Dment li l-ħsarat fl-inħawi jissuġġerixxu periklu jew xi ħaġa simili, dawn jistgħu jkunu indikazzjoni ta' interess leġittimu. Madankollu, mhuwiex biżżejjed li tiġi ppreżentata statistika nazzjonali jew ġenerali dwar il-kriminalità mingħajr ma jiġu analizzati ż-żona inkwistjoni jew il-perikli għal dan il-ħanut speċifiku.

- 21.
22. Sitwazzjonijiet ta' periklu imminenti jistgħu jikkostitwixxu interess leġittimu, bħal banek jew ħwienet li jbigħu merkanzija prezzjuża (eż. ġojjelliera), jew żoni li huma magħrufa bħala xeni tipiċi ta' reati għal delitti kontra l-proprjetà (eż. pompi tal-petrol).
23. Il-GDPR jiddikjara b'mod ċar ukoll li l-awtoritajiet pubbliċi ma jistgħux jibbażaw l-ipproċessar tagħhom fuq il-bażi ta' interess leġittimu, dment li jkunu qed iwettqu l-kompiti tagħhom, it-tieni sentenza tal-Artikolu 6(1).

3.1.2 In-neċessità tal-ipproċessar

24. Id-*data* personali jenħtieġ li tkun adegwata, rilevanti u limitata għal dik li hija meħtieġa b'rabta mal-iskopijiet li għalihom tkun qed tiġi pproċessata ("*minimizzazzjoni tad-data*"), ara l-Artikolu 5(1)(c). Qabel ma tiġi installata sistema ta' sorveljanza bil-video, il-kontrollur jenħtieġ li dejjem jeżamina b'mod kritiku jekk din il-miżura l-ewwel nett tkunx xierqa biex tilħaq l-għan mixtieq u, it-tieni, tkunx adegwata u neċessarja għall-għanijiet tagħha. Il-miżuri ta' sorveljanza bil-video jenħtieġ li jintgħażlu biss jekk l-għan tal-ipproċessar ma jkunx jista' jiġi ssodisfat b'mod raġonevoli b'mezzi oħra li jkunu anqas intrużivi għad-drittijiet u għal-libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-*data*.
25. Minħabba s-sitwazzjoni li kontrollur irid li jipprevjeni delitti kontra l-proprjetà, minflok ma jinstalla sistema ta' sorveljanza bil-video, il-kontrollur jista' wkoll jieħu miżuri ta' sigurtà alternattivi bħall-bini ta' ċint madwar il-proprjetà, l-installazzjoni ta' rondi regolari ta' persunal tas-sigurtà, l-użu ta' gwardjani mal-kanċelli, il-provvista ta' daww aħjar, l-installazzjoni ta' serraturi ta' sigurtà, it-twaħħil ta' twieqi u ta' bibien magħmula apposta kontra ftuħ mhux awtorizzat, jew l-applikazzjoni ta' kisjiet kontra l-graffiti jew ta' fojls mal-ħitan. Dawk il-miżuri jistgħu jkunu effettivi daqs is-sistemi ta' sorveljanza bil-video kontra s-serq mill-proprjetà u l-vandaliżmu. Il-kontrollur irid jivvaluta fuq bażi ta' każ b'każ jekk tali miżuri jistgħux ikunu soluzzjoni raġonevoli.

¹⁰ ara WP217, il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, p. 24 seq. Ara wkoll il-Kawża tal-QEĠ C-708/18 p.44

26. Qabel ma jopera sistema tal-kameras, il-kontrollur huwa obligat jivaluta fejn u meta l-miżuri ta' sorveljanza bil-video jkunu strettament meħtieġa. Normalment, sistema ta' sorveljanza li taħdem billejl kif ukoll barra l-ħinijiet tax-xogħol regolari tissodisfa l-ħtiġijiet tal-kontrollur biex jipprevjeni kwalunkwe periklu għall-proprjetà tiegħu.
27. B'mod ġenerali, in-neċessità li tintuża sorveljanza bil-video biex jiġi protett il-bini tal-kontrolluri tispiċċa fil-konfini tal-proprjetà.¹¹ Madankollu, hemm każijiet li fihom is-sorveljanza tal-proprjetà ma tkunx biżżejjed għal protezzjoni effettiva. F'xi każijiet individwali jista' jkun meħtieġ li s-sorveljanza bil-video tidħol fiż-żona ta' madwar il-bini. F'dan il-kuntest, il-kontrollur jenħtieġ li jikkunsidra mezzi fiżiċi u tekniċi, pereżempju billi jimblokka jew itappan iż-żoni mhux rilevanti.

Eżempju: Ħanut tal-kotba jixtieq jiproteġi l-bini tiegħu kontra l-vandaliżmu. B'mod ġenerali, il-kameras jenħtieġ li jiffilmjaw biss il-bini nnifsu minħabba li mhux meħtieġ li wieħed jara postijiet fil-qrib jew żoni pubbliċi fl-inħawi tal-post tal-ħanut tal-kotba għal dak l-għan.

- 28.
29. Jitqajmu wkoll mistoqsijiet dwar in-neċessità tal-ipproċessar rigward il-mod kif tiġi ppreservata l-evidenza. F'xi każijiet jista' jkun meħtieġ li jintużaw soluzzjonijiet b'kaxxa sewda fejn il-filmat jitħassar awtomatikament wara ċertu perjodu ta' ħin u jkun hemm aċċess għalih biss f'każ ta' inċident. F'sitwazzjonijiet oħra, jista' ma jkunx meħtieġ li jiġi rreġistrat il-materjal tal-video affattu iżda jkun aktar xieraq li, minflok, jintuża monitoraġġ f'ħin reali. Id-deċiżjoni bejn is-soluzzjonijiet b'kaxxa sewda u l-monitoraġġ f'ħin reali jenħtieġ li tkun ibbażata wkoll fuq l-għan li jrid jintlaħaq. Jekk, pereżempju, l-iskop tas-sorveljanza bil-video jkun il-preservazzjoni tal-evidenza, metodi f'ħin reali normalment ma jkunux adattati. Xi kultant il-monitoraġġ f'ħin reali jista' jkun ukoll aktar intrużiv mill-ħin u mit-tħassir awtomatiku ta' materjal wara perjodu ta' żmien limitat (eż. jekk xi ħadd ikun qed jara b'mod kostanti l-monitor, dan jista' jkun aktar intrużiv milli kieku ma jkun hemm l-ebda monitor affattu u l-materjal jinħażen direttament f'kaxxa sewda). F'dan il-kuntest irid jiġi kkunsidrat il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data* f'dan il-kuntest (l-Artikolu 5(1)(c)). Wieħed għandu jżomm f'moħħu wkoll li jista' jkun possibbli li l-kontrollur ikun jista' juża l-persunal tas-sigurtà minflok sorveljanza bil-video li jkun kapaċi jirreaġixxi u jintervjeni immedjatament.

3.1.3 Ibbilanċjar tal-interessi

30. Jekk jiġi supponut li s-sorveljanza bil-video tkun meħtieġa sabiex jiġu protetti l-interessi leġittimi ta' kontrollur, sistema ta' sorveljanza bil-video tista' titħaddem biss jekk l-interessi leġittimi tal-kontrollur jew dawk ta' parti terza (eż. protezzjoni ta' proprjetà jew tal-integrità fiżika) ma jiġux megħluba mill-interessi jew mid-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-*data*. Il-kontrollur irid iqis 1) sa liema punt il-monitoraġġ jaffettwa l-interessi, id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi u 2) jekk dan jikkawżax ksur jew konsegwenzi negattivi fir-rigward tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data*. Fil-fatt, l-ibbilanċjar tal-interessi huwa obligatorju. Id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali fuq naħa u l-interessi leġittimi tal-kontrollur min-naħa l-oħra jridu jiġu evalwati u bbilanċjati bir-reqqa.

¹¹ Dan jista' jkun soġġett ukoll għal leġislazzjoni nazzjonali f'xi Stati Membri.

Eżempju: Kumpanija privata ta' parkeġġ iddokumentat problemi rikorrenti ta' serq tal-karozzi pparkjati. Iż-żona ta' parkeġġ hija spazju miftuħ u tista' tiġi aċċessata faċilment minn kulħadd, iżda hija mmarkata b'mod ċar b'sinjali u bi blokkaturi tat-triq mibnija madwar l-ispazju. Il-kumpanija ta' parkeġġ għandha interess leġittimu (il-prevenzjoni tas-serq fil-karozzi tal-klijenti) biex tissorvelja ż-żona matul il-ħin tal-ġurnata li fih tkun qed tesperjenza problemi. Is-suġġetti tad-*data* jiġu mmonitorjati f'perijodu ta' ħin limitat, huma ma jkunux fiż-żona għal finijiet ta' rikreazzjoni u huwa wkoll fl-interess tagħhom stess li ma jitħallix isir serq. L-interess tas-suġġetti tad-*data* li ma jiġux immonitorjati huwa f'dan il-każ megħlub mill-interess leġittimu tal-kontrollur.

Eżempju: Ristorant jiddeċiedi li jinstalla kameras tal-video fil-kmamar tal-banju sabiex jikkontrolla l-indafa tal-faċilitajiet sanitarji. F'dan il-każ id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* jegħlbu b'mod ċar l-interess tal-kontrollur, u għalhekk ma jistgħux jiġu installati kameras hemmhekk.

31.

3.1.3.1 *Teħid ta' deċiżjonijiet skont il-każ*

32. Peress li l-ibbilanċjar tal-interessi huwa obligatorju skont ir-regolament, id-deċiżjoni trid tittieħed fuq bażi ta' każ b'każ (ara l-Artikolu 6(1)(f)). Riferimenti għal sitwazzjonijiet astratti jew tqabbil ta' każijiet simili ma' xulxin mhumiex biżżejjed. Il-kontrollur irid jevalwa r-riskji tal-intrużjoni tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*; hawnhekk, il-kriterju deċiżiv huwa l-intensità tal-intervent għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-individwu.
33. L-intensità tista' fost l-oħrajn tiġi ddefinita mit-tip ta' informazzjoni li tinġabar (kontenut ta' informazzjoni), il-kamp ta' applikazzjoni (densità ta' informazzjoni, firxa spazjali u ġeografika), in-numru ta' suġġetti tad-*data* kkonċernati, jew bħala numru speċifiku jew bħala proporzjon tal-popolazzjoni rilevanti, is-sitwazzjoni inkwistjoni, l-interessi attwali tal-grupp ta' suġġetti tad-*data*, mezzi alternattivi, kif ukoll min-natura u mill-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni tad-*data*.
34. Fatturi ta' bilanċjar importanti jistgħu jkunu d-daqs taż-żona li tkun taħt sorveljanza, u l-ammont ta' suġġetti tad-*data* taħt sorveljanza. L-użu ta' sorveljanza bil-video f'żona remota (eż. biex jiġu osservati organiżmi selvaġġi jew biex tkun protetta infrastruttura kritika bħal antenna tar-radju li hija proprjetà privata) irid jiġi vvalutat b'mod differenti minn sorveljanza bil-video f'żona pedonali jew fi stabbiliment tax-xiri.

Eżempju: Jekk tiġi installata dash cam (eż. għall-fini li tinġabar evidenza f'każ ta' aċċident), huwa importanti li jiġi żgurat li din il-kamera ma tkunx dejjem qed tirreġistra t-traffiku, u lanqas persuni li jkunu qrib triq. Jekk dan ma jkunx il-każ, l-interess li jkun hemm reġistrazzjonijiet video bħala prova fil-każ iktar teoretiku ta' aċċident tat-traffiku ma jistax jiġġustifika dan l-indiċil serju fid-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*.¹¹

35.

3.1.3.2 *Aspettattivi raġonevoli tas-suġġetti tad-*data**

36. Skont il-Premessa 47, l-eżistenza ta' interess leġittimu teħtieġ valutazzjoni bir-reqqa. Hawnhekk iridu jiġu inklużi l-aspettattivi raġonevoli tas-suġġetti tad-*data* f'dak iż-żmien u fil-kuntest tal-ipproċessar tad-*data* personali tiegħu. Fir-rigward tal-monitoraġġ sistematiku, ir-relazzjoni bejn is-suġġetti tad-*data* u l-kontrollur tista' tvarja b'mod sinifikanti u tista' taffettwa l-aspettattivi raġonevoli li jista' jkollu s-suġġetti tad-*data*. L-interpretazzjoni tal-kunċett ta' aspettattivi raġonevoli jenħtieġ li ma tkunx ibbażata biss fuq l-aspettattivi suġġettivi inkwistjoni. Pjuttost, il-kriterju deċiżiv irid ikun jekk parti terza oġġettiva tistax raġonevolment tistenna u tikkonkludi li tkun soġġetta għal monitoraġġ f'din is-sitwazzjoni speċifika.

37. Pereżempju, impjegat fil-post tax-xogħol tiegħu, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, x'aktarx ma jkunx qed jistenna li jiġi mmonitorjat mill-impjegatur tiegħu.¹² Barra minn hekk, il-monitoraġġ ma għandux ikun mistenni fil-ġnien privat ta' individwu, f'żoni tal-għajxien, jew fi kmamar ta' viżti jew ta' trattament. Fuq l-istess nota, mhuwiex raġonevoli li wieħed jistenna monitoraġġ f'faċilitajiet sanitarji jew tas-sauna – il-monitoraġġ ta' tali żoni huwa intrużjoni qawwija fid-drittijiet tas-suġġett tad-*data*. L-aspettattivi raġonevoli tas-suġġetti tad-*data* huma li ma ssir l-ebda sorveljanza bil-video f'dawk l-oqsma. Min-naħa l-oħra, il-klijent ta' bank jista' jistenna li jkun immonitorjat ġewwa l-bank jew mill-ATM.
38. Is-suġġetti tad-*data* jistgħu jistennew ukoll li jkunu ħielsa minn monitoraġġ f'żoni aċċessibbli pubblikament speċjalment jekk dawk iż-żoni tipikament jintużaw għall-irkupru, għar-riġenerazzjoni, u għall-attivitajiet ta' divertiment kif ukoll f'postijiet fejn l-individwi joqogħdu u/jew jikkomunikaw, bħal żoni fejn ipoġġu, imwejjed f'ristoranti, parks, swali taċ-ċinema u faċilitajiet tal-eżerċizzju fiżiku. Hawnhekk l-interessi jew id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-*data* spiss jegħlbu l-interessi leġittimi tal-kontrollur.

Eżempju: Fil-kmamar tal-banju, is-suġġetti tad-*data* jistennew li ma jkunux immonitorjati. Is-sorveljanza bil-video pereżempju biex jiġu evitati l-aċċidenti mhijiex proporzjonata.

- 39.
40. Sinjali li jinformat lis-suġġett tad-*data* dwar is-sorveljanza bil-video ma għandhom ebda rilevanza fid-determinazzjoni ta' x'jista' oġġettivament jistenna s-suġġett tad-*data*. Dan ifisser li, pereżempju, sid ta' ħanut ma jistax jibbaża fuq il-fatt li l-klijenti *oġġettivament* ikollhom aspettattivi raġonevoli li jkunu mmonitorjati sempliċement għaliex fl-entrata ikun hemm sinjal li jinformat lill-individwu dwar is-sorveljanza.

3.2 Neċessità li jitwettaq kompitu għal interess pubbliku jew għall-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali vestita fil-kontrollur, l-Artikolu 6(1)(e)

41. *Data* personali tista' tiġi pproċessata permezz ta' sorveljanza bil-video skont l-Artikolu 6(1)(e) jekk dan ikun meħtieġ biex jitwettaq kompitu għall-interess pubbliku jew għall-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali.¹³ Jista' jkun li l-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali ma jippermettix tali pproċessar, iżda bażijiet leġiżlattivi oħra bħal "saħħa u sigurtà" għall-protezzjoni tal-viżitaturi u tal-impjegati jistgħu jipprovdu ambitu limitat għall-ipproċessar, filwaqt li xorta waħda jiġu rrispettati l-obbligi tal-GDPR u d-drittijiet tas-suġġett tad-*data*.
42. L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu leġiżlazzjoni nazzjonali speċifika għas-sorveljanza bil-video biex jadattaw l-applikazzjoni tar-regoli tal-GDPR billi jiddeterminaw b'mod aktar preċiż ir-rekwiżiti speċifiċi għall-ipproċessar dment li dan ikun konformi mal-prinċipji stabbiliti mill-GDPR (eż. il-limitazzjoni tal-ħżin, il-proporzjonalità).

¹² Ara wkoll: Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, Opinion 2/2017 on data processing at work ("Opinjoni 2/2017 dwar l-ipproċessar tad-*data* fuq ix-xogħol"), WP249, adottata fit-8 ta' Ġunju 2017.

¹³ Il-bażi għall-ipproċessar imsemmija għandha tkun stabbilita mid-dritt tal-Unjoni jew mid-dritt ta' Stat Membru u "[għandha tkun meħtieġa] għat-twettiq ta' kompitu li jsir fl-interess pubbliku jew fl-eżerċizzju tal-[awtorità] uffiċjali mogħtija lill-kontrollur" (l-Artikolu 6(3)).

3.3 Il-kunsens, l-Artikolu 6(1)(a)

43. Il-kunsens irid jingħata b' mod liberu, speċifiku, informat u mhux ambigwu kif deskritt fil-linji gwida dwar il-kunsens.¹⁴
44. Rigward il-monitoraġġ sistematiku, il-kunsens tas-suġġett tad-*data* jista' jservi biss bħala bażi ġuridika skont l-Artikolu 7 (ara l-Premessa 43) f'każijiet eċċezzjonali. Huwa fin-natura tas-sorveljanza li din it-teknoloġija timmonitorja numru mhux magħruf ta' persuni f'daqqa. Il-kontrollur bilkemm ikun jista' juri bil-provi li s-suġġett tad-*data* ta l-kunsens tiegħu qabel l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħu (l-Artikolu 7(1)). Jekk jiġi supponut li s-suġġett tad-*data* jirtira l-kunsens tiegħu, ikun diffiċli għall-kontrollur biex jagħti prova li d-*data* personali ma għadhiex tiġi pproċessata (l-Artikolu 7(3)).
- Eżempju: Atleti jistgħu jitolbu monitoraġġ matul eżerċizzji individwali sabiex janalizzaw it-tekniki u l-prestazzjoni tagħhom. Min-naħa l-oħra, fejn klabb sportiv jieħu l-inizjattiva li jissorvelja tim sħiħ għall-istess skop, il-kunsens spiss ma jkun validu, peress li l-atleti individwali jistgħu jħossuhom taħt pressjoni biex jagħtu l-kunsens sabiex ir-rifjut tal-kunsens min-naħa tagħhom ma jaffettwax b' mod negattiv lill-kollegi sħabhom.
- 45.
46. Jekk il-kontrollur ikun jixtieq jiddependi fuq il-kunsens, ikun id-dmir tiegħu li jiżgura li kull suġġett tad-*data* li jidħol fiż-żona li tkun taħt sorveljanza bil-video jkun ta l-kunsens tiegħu. Dan il-kunsens irid jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 7. Id-dħul f'żona mmarkata taħt monitoraġġ (eż. persuni huma mistiedna jgħaddu minn passaġġ jew grada speċifiċi biex jidħlu f'żona mmonitorjata), ma jikkostitwixx dikjarazzjoni jew azzjoni affermattiva ċara meħtieġa għall-kunsens, sakemm ma jissodisfax il-kriterji tal-Artikoli 4 u 7 kif deskritt fil-linji gwida dwar il-kunsens.¹⁵
47. Minħabba l-iżbilanċ tal-poter bejn l-impjegaturi u l-impjegati, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet jenħtieġ li l-impjegaturi ma jistriħux fuq il-kunsens meta jipproċessaw *data* personali, minħabba li x'aktarx li dan ma jingħatax liberament. Il-linji gwida dwar il-kunsens jenħtieġ li jitqiesu f'dan il-kuntest.
48. Id-dritt ta' Stat Membru jew il-ftehimiet kollettivi, inklużi "ftehimiet tax-xogħol", jistgħu jipprevedu regoli speċifiċi dwar l-ipproċessar ta' *data* personali tal-impjegati fil-kuntest tal-impjeg (ara l-Artikolu 88).

¹⁴ Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 (WP tal-Art. 29) "Guidelines on consent under Regulation 2016/679" ("Linji gwida dwar il-kunsens skont ir-Regolament 2016/679") (WP 259 rev. 01). - approvati mill-EDPB

¹⁵ Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 (WP tal-Art. 29) "Guidelines on consent under Regulation 2016/679" ("Linji gwida dwar il-kunsens skont ir-Regolament 2016/679") (WP 259 rev. 01) - approvati mill-EDPB - li jenħtieġ li jiġu kkunsidrati.

4 ŻVELAR TA' FILMATI LIL PARTIJET TERZI

49. Fil-prinċipju, ir-regolamenti ġenerali tal-GDPR japplikaw għall-iżvelar ta' reġistrazzjonijiet bil-video lil partijiet terzi.

4.1 Żvelar ta' filmati lil partijiet terzi b'mod ġenerali

50. L-iżvelar huwa ddefinit fl-Artikolu 4(2) bħala trażmissjoni (eż. komunikazzjoni individwali), disseminazzjoni (eż. pubblikazzjoni online) jew xort'oħra ta' tqegħid għad-dispożizzjoni. Partijiet terzi huma ddefiniti fl-Artikolu 4(10). Fejn l-iżvelar isir lil pajjiżi terzi jew lil organizzazzjonijiet internazzjonali, id-dispożizzjonijiet speċjali tal-Artikolu 44 et seq. japplikaw ukoll.
51. Kwalunkwe żvelar ta' *data* personali huwa tip separat ta' pproċessar ta' *data* personali li għalih jeħtieġ li l-kontrollur ikollu bażi ġuridika fl-Artikolu 6.

Eżempju: Kontrollur li jixtieq itella' reġistrazzjoni fuq l-Internet jeħtieġ li jistrieħ fuq bażi ġuridika għal dak l-ipproċessar, pereżempju billi jikseb il-kunsens mis-suġġett tad-*data* skont l-Artikolu 6(1)(a).

- 52.
53. It-trażmissjoni ta' filmati lil partijiet terzi għal skop li ma jkunx dak li għalih tkun inġabret id-*data* hija possibbli skont ir-regoli tal-Artikolu 6(4).

Eżempju: Tiġi installata sorveljanza bil-video ta' lqugħ (f'sit ta' parkeġġ) għall-finijiet ta' soluzzjoni għall-ħsarat li qed iseħħu. Isseħħ ħsara u r-reġistrazzjoni tiġi ttrasferita lil avukat biex isegwi każ. F'dan il-każ, l-għan tar-reġistrazzjoni huwa l-istess bħal dak tat-trasferiment.

Eżempju: Tiġi installata sorveljanza bil-video ta' lqugħ (f'sit ta' parkeġġ) għall-finijiet ta' soluzzjoni għall-ħsarat li qed iseħħu. Ir-reġistrazzjoni tiġi ppubblikata online għal raġunijiet purament ta' divertiment. F'dan il-każ, l-għan inbidel u mhuwiex kompatibbli mal-iskop inizjali. Barra minn hekk, ikun problematiku li tiġi identifikata bażi ġuridika għal dak l-ipproċessar (il-pubblikazzjoni).

- 54.
55. Destinatarju terz ikollu jagħmel l-analiżi legali tiegħu stess, b'mod partikolari billi jidentifika l-baży ġuridika tiegħu skont l-Artikolu 6 għall-ipproċessar tiegħu (eż. jirċievi l-materjal).

4.2 Żvelar ta' filmati lil aġenziji tal-infurzar tal-liġi

56. L-iżvelar ta' reġistrazzjonijiet video lil aġenziji tal-infurzar tal-liġi huwa proċess indipendenti wkoll li jeħtieġ ġustifikazzjoni separata għall-kontrollur.
57. Skont l-Artikolu 6(1)(c), l-ipproċessar ikun legali jekk ikun meħtieġ għall-konformità ma' obbligu legali li għalih ikun soġġett il-kontrollur. Għalkemm il-liġi tal-pulizija applikabbli hija kwistjoni taħt il-kontroll waħdieni tal-Istati Membri, huwa probabbli ħafna li hemm regoli ġenerali dwar it-trasferiment ta' evidenza lil aġenziji tal-infurzar tal-liġi f'kull Stat Membru. L-ipproċessar mill-kontrollur li jgħaddi d-*data* huwa rregolat bil-GDPR. Jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali teħtieġ li l-kontrollur jikkoopera mal-infurzar tal-liġi (eż. investigazzjoni), il-baży ġuridika għall-konsenja tad-*data* hija obbligu legali skont l-Artikolu 6(1)(c).
58. Imbagħad, il-limitazzjoni tal-iskop fl-Artikolu 6(4) ta' spiss ma tkunx problematika, minħabba li l-iżvelar imur lura b'mod espliċitu għad-dritt tal-Istat Membru. Għalhekk, mhux meħtieġ li jitqiesu r-rekwiżiti speċjali għal tibdil fl-iskop fis-sens tal-lit. a - e.

Eżempju: Sid ta' ħanut jirreġistra filmati fl-entratura tiegħu. Il-filmat juri li persuna tisraq il-kartiera ta' persuna oħra. Il-pulizija titlob lill-kontrollur jgħaddi l-materjal sabiex dan jgħin fl-investigazzjoni tagħhom. F'dak il-każ sid il-ħanut juża l-bażi ġuridika skont l-Artikolu 6(1)(c) (obbligu legali) moqri flimkien mad-dritt nazzjonali rilevanti għall-ipproċessar tat-trasferiment.

59.

Eżempju: Tiġi installata kamera f'ħanut għal raġunijiet ta' sigurtà. Sid il-ħanut jemmen li rreġistra xi ħaġa suspettuża fil-filmati tiegħu u jiddeċiedi li jibgħat il-materjal lill-pulizija (mingħajr ebda indikazzjoni li għaddejja xi investigazzjoni ta' kwalunkwe tip). F'dan il-każ sid il-ħanut irid jivvaluta jekk humiex issodisfati l-kundizzjonijiet taħt, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-Artikolu 6(1)(f). Dan normalment ikun il-każ jekk sid il-ħanut ikollu suspett raġonevoli li jkun sar reat.

60.

61. L-ipproċessar tad-*data* personali mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi nfushom ma jsegwix il-GDPR (ara l-Artikolu 2(2)(d)), iżda, minflok, isegwi d-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi (UE2016/680).

5 IPPROĊESSAR TA' KATEGORIJI SPEĊJALI TA' DATA

62. Is-sistemi ta' sorveljanza bil-*video* normalment jiġbru ammonti enormi ta' *data* personali li jistgħu jiżvelaw *data* ta' natura personali ħafna u saħansitra kategoriji speċjali ta' *data*. Tabilħaqq, *data* apparentement mhux sinifikanti miġbura oriġinarjament permezz ta' *video* tista' tintuża biex tiġi dedotta informazzjoni oħra biex jintlaħaq skop differenti (eż. biex jiġu mmappjati d-drawwiet ta' individwu). Madankollu, is-sorveljanza bil-*video* mhux dejjem titqies bħala pproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali.

Eżempju: Filmati li juru suġġett tad-*data* li jkun liebes nuċċali jew li juża siġġu tar-roti mhumiex ikkunsidrati per se bħala kategoriji speċjali ta' *data* personali.

- 63.
64. Madankollu, jekk il-filmat jiġi pproċessat biex jiġu dedotti kategoriji speċjali ta' *data*, ikun japplika l-Artikolu 9.

Eżempju: L-opinjoni politiċi jistgħu pereżempju jiġu dedotti minn immaġnijiet li juru suġġetti tad-*data* identifikabli jieħdu sehem f'avveniment, pereżempju involuti fi strajk, eċċ. Dan ikun jaqa' taħt l-Artikolu 9.

Eżempju: Sptar li jinstalla kamera *video* biex jimmonitorja l-kundizzjoni tas-saħħa ta' pazjent jitqies bħala pproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali (l-Artikolu 9).

- 65.
66. B'mod ġenerali, bħala prinċipju, kull meta tiġi installata sistema ta' sorveljanza bil-*video*, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat b'attenzjoni l-prinċipju ta' minimizzazzjoni tad-*data*. Għalhekk, anki f'każijiet li fihom ma japplikax l-Artikolu 9(1), il-kontrollur tad-*data* jenħtieġ li dejjem jipprova jimminimizza r-riskju li jiġbed filmati li jiżvelaw *data* sensitiva oħra (lil hinn mill-Artikolu 9), irrISPETTIVAMENT mill-għan.

Eżempju: Is-sorveljanza bil-*video* li tiġbed knisja ma taqax per se taħt l-Artikolu 9. Madankollu, il-kontrollur irid iwettaq valutazzjoni speċjalment bir-reqqa skont l-Artikolu 6(1)(f) b'kont meħud tan-natura tad-*data* kif ukoll tar-riskju li tinġabar *data* sensitiva oħra (lil hinn mill-Artikolu 9) meta jivaluta l-interessi tas-suġġett tad-*data*.

- 67.
68. Jekk sistema ta' sorveljanza bil-*video* tintuża sabiex jiġu pproċessati kategoriji speċjali ta' *data*, il-kontrollur tad-*data* jeħtieġu jidentifika kemm eċċezzjoni għall-iproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* skont l-Artikolu 9 (jiġifieri eżenzjoni mir-regola ġenerali li wieħed jenħtieġ li ma jipproċessax kategoriji speċjali ta' *data*) u bażi ġuridika skont l-Artikolu 6.
69. Pereżempju, l-Artikolu 9(2)(c) (“[...] l-iproċessar ikun meħtieġ għall-protezzjoni tal-interessi vitali tas-suġġett tad-*data* jew ta' persuna fiżika oħra [...]”) jista' jintuża – fit-teorija u eċċezjonalment – iżda l-kontrollur tad-*data* jkollu jiġġustifikah bħala ħtieġa assoluta biex jissalvagwardja l-interessi vitali ta' persuna u jagħti prova li dan “[...] is-suġġett tad-*data* [jkun] fiżikament jew legalment kapaċi li jagħti l-kunsens.”. Barra minn hekk, il-kontrollur tad-*data* ma jkunx jista' juża s-sistema għal kwalunkwe raġuni oħra.

70. Huwa importanti li wieħed jinnota hawnhekk li kull eżenzjoni elenkata fl-Artikolu 9 x'aktarx ma tkunx tista' tintuża biex tiġġustifika l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* permezz ta' sorveljanza bil-video. B'mod aktar speċifiku, il-kontrolluri tad-*data* li jipproċessaw dik id-*data* fil-kuntest tas-sorveljanza bil-video ma jistgħux jistrieħu fuq l-Artikolu 9(2)(e), li jippermetti l-ipproċessar relatat ma' *data* personali li manifestament tiġi żvelata pubblikament mis-suġġett tad-*data*. Is-sempliċi fatt li wieħed jidħol fil-kamp viżiv tal-kamera ma jimplikax li s-suġġett tad-*data* għandu l-intenzjoni li jagħmel pubbliċi kategoriji speċjali ta' *data* relatati miegħu.
71. Barra minn hekk, l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* jeħtieġ viġilanza akbar u kontinwa fir-rigward ta' ċerti obbligi; pereżempju, livell għoli ta' sigurtà u valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* fejn ikun hemm bżonn.

Eżempju: Impjegatur ma jistax juża reġistrazzjonijiet ta' sorveljanza bil-video li turi dimostrazzjoni biex jidentifika ħaddiema li jattendu strajk.

- 72.
- 5.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali fl-ipproċessar ta' *data* bijometrika**
73. L-użu ta' *data* bijometrika u b'mod partikolari r-rikonossiment tal-wiċċ jinvolve riskji akbar għad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*. Huwa kruċjali li r-rikors għal tali teknoloġiji jseħħ bir-rispett dovut għall-prinċipji tal-legalità, tan-neċessità, tal-proporzjonalità u tal-minimizzazzjoni tad-*data* kif stabbiliti fil-GDPR. Billi l-użu ta' dawn it-teknoloġiji jista' jiġi perċepit bħala partikolarment effettiv, il-kontrolluri jenħtieġ li l-ewwel nett jivvalutaw l-impatt fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u jqisu mezzi anqas intrużivi biex jilħqu l-għan leġittimu tagħhom tal-ipproċessar.
74. Biex jikkwalifika bħala *data* bijometrika kif definita fil-GDPR, l-ipproċessar ta' *data* mhux ipproċessata, bħall-karatteristiċi fiżiċi, fiżjoloġiċi jew tal-imġiba ta' persuna fiżika, irid jimplika kejl ta' dawn il-karatteristiċi. Peress li d-*data* bijometrika hija r-riżultat ta' tali miżuri, il-GDPR jiddikjara fl-Artikolu 4.14 tiegħu li hija "[...] *tirriżulta mill-ipproċessar tekniku speċifiku relatat mal-karatteristiċi fiżiċi, fiżjoloġiċi jew tal-imġiba ta' persuna fiżika, li tippermetti jew tikkonferma l-identifikazzjoni unika ta' dik il-persuna fiżika* [...]". Madankollu, fih innifsu, il-filmat ta' individwu ma jistax jitqies bħala *data* bijometrika skont l-Artikolu 9, jekk ma jkunx ġie pproċessat teknikament b'mod speċifiku sabiex jikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' individwu.¹⁶
75. Sabiex dan jitqies bħala pproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali (l-Artikolu 9), huwa meħtieġ li d-*data* bijometrika tiġi pproċessata "sabiex tidentifika b'mod uniku persuna fiżika".
76. Fil-qosor, fid-dawl tal-Artikolu 4.14 u 9, iridu jiġu kkunsidrati tliet kriterji:
- **Natura tad-*data*:** *data* relatata mal-karatteristiċi fiżiċi, fiżjoloġiċi jew tal-imġiba ta' persuna fiżika,
 - **Mezzi u mod ta' pproċessar:** *data* "li tirriżulta minn ipproċessar tekniku speċifiku",
 - **Skop tal-ipproċessar:** id-*data* trid tintuża għall-fini ta' identifikazzjoni unika ta' persuna fiżika.

¹⁶ Il-Premessa 51 tal-GDPR tappoġġa din l-analiżi, filwaqt li tiddikjara li "[...] L-ipproċessar ta' ritratti m'għandhux sistematikament jitqies bħala pproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali peress li dawn ikunu koperti bid-definizzjoni ta' *data* bijometrika biss meta jiġu pproċessati b'mezz tekniku speċifiku li jippermetti l-identifikazzjoni unika jew l-awtentikazzjoni ta' persuna fiżika. [...]".

77. L-użu ta' sorveljanza bil-video li tinkludi funzjonalità ta' rikonoxximent bijometrika installata minn entitajiet privati għall-finijiet tagħhom stess (eż. ta' kummerċjalizzazzjoni, statistiċi, jew anke ta' sigurtà), fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, jirrikjedi kunsens espliċitu mis-suġġetti kollha tad-*data* (l-Artikolu 9(2)(a)), madankollu eċċezzjoni xierqa oħra fl-Artikolu 9 tista' tkun applikabbli wkoll.

Eżempju: Biex ittejjeb is-servizz tagħha, kumpanija privata tissostitwixxi punti ta' kontroll ta' identifikazzjoni tal-passiġġieri ġewwa ajruport (ġarr ta' bagalji, tluġħ abbord) b'sistemi ta' sorveljanza bil-video li jużaw tekniki ta' rikonoxximent tal-wiċċ biex jivverifikaw l-identità tal-passiġġieri li jkunu għażlu li jagħtu l-kunsens tagħhom għal proċedura bħal din. Peress li l-ipproċessar jaqa' taħt l-Artikolu 9, il-passiġġieri, li preċedentement ikunu taw il-kunsens espliċitu u informat tagħhom, ikollhom jippreżentaw ruħhom, pereżempju, f'terminal awtomatiku sabiex joħlqu u jirreġistraw il-mudell tal-wiċċ tagħhom assoċjat mal-karta tal-imbarkazzjoni u mal-identità tagħhom. Il-punti ta' kontroll b'rikonoxximent tal-wiċċ jeħtieġ li jkunu separati b'mod ċar, eż. is-sistema trid tkun installata f'gantry sabiex il-mudelli bijometriċi ta' persuna li ma tagħtix kunsens ma jittiħdux. Il-passiġġieri li jkunu taw il-kunsens tagħhom minn qabel u pproċedew bir-reġistrazzjoni tagħhom biss jużaw il-gantry mgħammra bis-sistema bijometrika.

Eżempju: Kontrollur jimmaniġġja l-aċċess għall-bini tiegħu bl-użu ta' metodu ta' rikonoxximent tal-wiċċ. In-nies jistgħu jużaw dan il-mod ta' aċċess biss jekk ikunu taw il-kunsens espliċitu tagħhom (skont l-Artikolu 9(2)(a)) minn qabel. Madankollu, sabiex jiġi żgurat li ma jittiħdux il-mudell tal-wiċċ ta' xi persuna li ma tkunx tat il-kunsens tagħha minn qabel, il-metodu ta' rikonoxximent tal-wiċċ jenħtieġ li jiġi attivat mis-suġġett tad-*data* nnifsu, pereżempju billi jagħfas buttuna. Biex tiġi żgurata l-legalità tal-ipproċessar, il-kontrollur dejjem jeħtieġlu joffri mod alternattiv ta' aċċess għall-bini, mingħajr ipproċessar bijometriku, bħal badges jew ċwieviet.

- 78.
79. F'dan it-tip ta' każijiet, fejn jiġu ġġenerati mudelli bijometriċi, il-kontrolluri għandhom jiżguraw li ladarba jinkiseb riżultat ta' pariġġ jew ta' nuqqas ta' pariġġ, il-mudelli intermedji kollha li jittieħdu f'ħin reali (bil-kunsens espliċitu u informat tas-suġġett tad-*data*) sabiex jitqabblu ma' dawk maħluqa mis-suġġetti tad-*data* fil-ħin tar-reġistrazzjoni, jitħassru immedjatament u b'mod sigur. Jenħtieġ li l-mudelli maħluqa għar-reġistrazzjoni jinżammu biss għall-ilħuq tal-għan tal-ipproċessar u jenħtieġ li ma jinħażnux jew ma jiġux arkivjati.
80. Madankollu, meta l-iskop tal-ipproċessar ikun, pereżempju, li ssir distinzjoni bejn kategorija waħda ta' nies u oħra u mhux l-identifikazzjoni unika ta' individwu, l-ipproċessar ma jaqax taħt l-Artikolu 9.

Eżempju: Sid ħanut jixtieq jippersonalizza r-reklam tiegħu abbażi ta' karatteristiċi tal-ġeneru u tal-età tal-klijent maqbud minn sistema ta' sorveljanza bil-video. Jekk dik is-sistema ma tiġġenerax mudelli bijometriċi sabiex il-persuni jiġu identifikati unikament iżda, minflok, sempliċiment sabiex tidentifika dawk il-karatteristiċi fiżiċi sabiex il-persuna tiġi kklassifikata, l-ipproċessar ma jkunx jaqa' taħt l-Artikolu 9 (dment li ma jkun qed jiġi pproċessat l-ebda tip ieħor ta' kategoriji speċjali ta' *data*).

- 81.
82. Madankollu, l-Artikolu 9 ikun japplika jekk il-kontrollur jaħżen *data* bijometrika (l-aktar komunement permezz ta' mudelli li jinħolqu bl-estrazzjoni ta' karatteristiċi ewlenin mill-format mhux ipproċessat tad-*data* bijometrika (eż. kejl tal-wiċċ minn immaġini)) sabiex persuna tiġi identifikata b'mod uniku. Jekk kontrollur jixtieq jidentifika suġġett tad-*data* li jerġa' jidħol fiż-żona jew li jidħol f'żona oħra

(pereżempju sabiex reklam personalizzat jintwera kontinwament), l-iskop imbagħad ikun li tiġi identifikata persuna fiżika b'mod uniku, li jfisser li l-operazzjoni tkun taqa' taħt l-Artikolu 9 sa mill-bidu nett. Dan jista' jkun il-każ jekk kontrollur jaħżen mudelli ġġenerati sabiex jipprovdi reklamar aktar ippersonalizzat fuq diversi kartelluni f'postijiet differenti fil-ħanut. Peress li s-sistema tuża karatteristiċi fiżiċi biex tidentifika individwi speċifiċi li jerġgħu jidħlu fil-kamp viżiv tal-kamera (bħal viżitaturi ta' stabbiliment kummerċjali) u tintraċċahom, din tkun tikkostitwixxi metodu ta' identifikazzjoni bijometrika għaliex tkun immirata lejn ir-rikonoxximent permezz tal-użu ta' pproċessar tekniku speċifiku.

Eżempju: Sid ħanut installa sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ fil-ħanut tiegħu sabiex jippersonalizza r-reklami tiegħu għall-individwi. Il-kontrollur tad-*data* jrid jikseb il-kunsens espliċitu u informat tas-suġġetti tad-*data* kollha qabel ma juża din is-sistema bijometrika u jwassal reklami ppersonalizzati. Is-sistema tkun illegali jekk tiġbed viżitaturi jew persuni li jkunu għaddejjin li ma jkunux taw il-kunsens għall-ħolqien tal-mudell bijometriku tagħhom, anki jekk il-mudell tagħhom jitħassar fl-iqsar perjodu possibbli. Fil-fatt, dawn il-mudelli temporanji jikkostitwixxu *data* bijometrika pproċessata sabiex tidentifika b'mod uniku persuna li jaf ma tkunx tixtieq tirċievi reklamar immirat.

83.

84. L-EDPB josserva li xi sistemi bijometriċi jiġu installati f'ambjenti mhux ikkontrollati¹⁷, li jfisser li s-sistema tinvolvi l-ġbid f'ħin reali tal-uċuħ ta' kwalunkwe individwu li jgħaddi mill-kamp viżiv tal-kamera, inklużi persuni li ma jkunux taw il-kunsens tagħhom għall-apparat bijometriku, u b'hekk joħolqu mudelli bijometriċi. Dawn il-mudelli jitqabblu ma' dawk maħluqa minn suġġetti tad-*data* li jkunu taw il-kunsens tagħhom minn qabel matul proċess ta' reġistrazzjoni (jiġifieri utent ta' apparat bijometriku) sabiex il-kontrollur tad-*data* jkun jista' jirrikonoxxi jekk il-persuna tkunx utent ta' apparat bijometriku jew le. F'dan il-każ, is-sistema spiss tkun imfassla biex tiddiskrimina l-individwi li tkun trid tirrikonoxxi minn bażi ta' *data* minn dawk li ma jkunux irreġistrati. Peress li l-għan huwa li l-persuni fiżiċi jiġu identifikati b'mod uniku, tibqa' meħtieġa eċċezzjoni skont l-Artikolu 9(2) tal-GDPR għal kull min jinqabad mill-kamera.

Eżempju: Lukanda tuża sorveljanza bil-video biex tavża awtomatikament lill-manijer tal-lukanda li jkun wasal il-VIP meta jingħaraf il-viżitatur. Dawn il-VIPs ikunu taw il-kunsens espliċitu tagħhom għall-użu tar-rikonoxximent tal-wiċċ qabel ma jiġu rreġistrati fil-baży ta' *data* stabbilita għal dak l-għan. Dawn is-sistemi ta' pproċessar ta' *data* bijometrika tkun illegali sakemm il-mistednin l-oħra kollha mmonitorjati (sabiex jiġu identifikati l-VIPs) ma jkunux taw il-kunsens għall-ipproċessar skont l-Artikolu 9(2)(a) tal-GDPR.

Eżempju: Kontrollur jinstalla sistema ta' sorveljanza bil-video bir-rikonoxximent tal-wiċċ fl-entratura tas-sala tal-kunċerti li jimmaniġġja. Il-kontrollur jeħtieġlu jorganizza entraturi separati b'mod ċar; waħda b'sistema bijometrika u waħda mingħajr (fejn, minflok, tkun tista' pereżempju tiskenja biljett). L-entraturi mgħammra b'apparat bijometriku jridu jiġu installati u jkunu aċċessibbli b'tali mod li s-sistema ma tippermettix li jinġabru mudelli bijometriċi ta' spettaturi li ma jagħtux il-kunsens tagħhom.

85.

¹⁷ Dan ifisser li l-apparat bijometriku jinsab f'spazju miftuħ għall-pubbliku u kapaċi jaħdem fuq kull min jgħaddi fil-viċin, għall-kuntrarju tas-sistemi bijometriċi f'ambjenti kkontrollati li jistgħu jintużaw biss bil-parteciġazzjoni ta' persuna li tagħti l-kunsens.

86. Fl-aħħar nett, meta l-kunsens ikun meħtieġ skont l-Artikolu 9 tal-GDPR, il-kontrollur tad-*data* ma għandux jorbot l-aċċess għas-servizzi tiegħu mal-aċċettazzjoni tal-ipproċessar bijometriku. Fi kliem ieħor, u b'mod partikolari meta l-ipproċessar bijometriku jintuża għal skop ta' awtentikazzjoni, il-kontrollur tad-*data* jeħtieġli joffri soluzzjoni alternattiva li ma tinvolvi ipproċessar bijometriku – mingħajr restrizzjonijiet jew kost addizzjonali għas-suġġett tad-*data*. Din is-soluzzjoni alternattiva tkun meħtieġa wkoll għal persuni li ma jissodisfawx ir-restrizzjonijiet tal-apparat bijometriku (ir-reġistrazzjoni jew il-qari tad-*data* bijometrika jkunu impossibbli, sitwazzjoni ta' diżabilità li tagħmlu diffiċli biex jintuża, eċċ.) u b'antiċipazzjoni għan-nuqqas ta' disponibbiltà tal-apparat bijometriku (bħal ħsara fl-apparat), trid tiġi implimentata "soluzzjoni ta' riżerva" sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz propost, madankollu limitata għal użu eċċezzjonali. F'każijiet eċċezzjonali, jista' jkun hemm sitwazzjoni fejn l-ipproċessar ta' *data* bijometrika jkun l-attività ewlenija ta' servizz ipprovdut b'kuntratt, eż. mużew li jiftaħ wirja biex jintwera l-użu ta' apparat ta' rikonossiment tal-wiċċ, f'liema każ is-suġġett tad-*data* mhux ser ikun jista' jirrifjuta l-ipproċessar ta' *data* bijometrika jekk ikun jixtieq jipparteċipa fil-wirja. F'dan il-każ, il-kunsens meħtieġ skont l-Artikolu 9 jibqa' validu jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Artikolu 7.

5.2 Miżuri ssuġġeriti biex jiġu minimizzati r-riskji meta tiġi pproċessata *data* bijometrika

87. F'konformità mal-prinċipju ta' minimizzazzjoni tad-*data*, il-kontrolluri tad-*data* jeħtieġilhom jiżguraw li d-*data* estratta minn immaġni diġitali biex jinbena mudell ma tkunx eċċessiva u jkun fiha biss l-informazzjoni meħtieġa għall-iskop speċifikat, u b'hekk jiġi evitat kwalunkwe pproċessar ulterjuri possibbli. Jenħtieġ li jiddaħħlu fis-seħħ miżuri li jiggwarantixxu li l-mudelli ma jkunux jistgħu jiġu ttrasferiti bejn sistemi bijometriċi.
88. L-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni/verifika aktarx jitolbu l-ħażna tal-mudell għall-użu f'paragun aktar tard. Il-kontrollur tad-*data* jeħtieġli jikkonsidra l-aktar post xieraq għall-ħżin tad-*data*. F'ambjent taħt kontroll (passaġġi delimitati jew punti ta' kontroll), il-mudelli għandhom jinħażnu fuq apparat individwali miżmum mill-utent u taħt il-kontroll uniku tiegħu (fi smartphone jew fil-karta tal-identità) jew – meta jkun meħtieġ għal finijiet speċifiċi u fil-preżenza ta' ħtiġijiet oġġettivi – jinħażnu f'bażi ta' *data* ċentralizzata f'forma kriptata b'ċavetta/sigriet f'idejn il-persuna biss biex jiġi evitat aċċess mhux awtorizzat għall-mudell jew għall-post tal-ħżin. Jekk il-kontrollur tad-*data* ma jkunx jista' jevita li jkollu aċċess għall-mudelli, jeħtieġli jieħu l-passi xierqa biex jiżgura s-sigurtà tad-*data* maħżuna. Dan jista' jinkludi kriptaġġ tal-mudell bl-użu ta' algoritmu kriptografiku.
89. Fi kwalunkwe każ, il-kontrollur għandu jieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex jippreserva d-disponibbiltà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tad-*data* pproċessata. Għal dan l-għan, il-kontrollur għandu b'mod partikolari jieħu l-miżuri li ġejjin: jikkompartimentalizza d-*data* matul it-trażmissjoni u l-ħżin, jaħżen mudelli bijometriċi u *data* mhux ipproċessata jew *data* dwar l-identità f'bażijiet ta' *data* distinti, jikkripta d-*data* bijometrika, b'mod partikolari mudelli bijometriċi, u jiddefinixxi politika għall-kriptaġġ u għall-ġestjoni taċ-ċwieviet, jintegra miżura organizzazzjonali u teknika għad-detezzjoni tal-frodi, jassoċja kodiċi ta' integrità mad-*data* (pereżempju l-firma jew il-hash) u jipprojbixxi kwalunkwe aċċess estern għad-*data* bijometrika. Miżuri bħal dawn jeħtieġ li jevolvu mal-progress tat-teknoloġiji.
90. Barra minn hekk, il-kontrolluri tad-*data* jenħtieġ li jipproċedu għat-tħassir ta' *data* mhux ipproċessata (l-immaġini tal-wiċċ, is-sinjali tad-diskors, il-mixja, eċċ.) u jiżguraw l-effettività ta' dan it-tħassir. Jekk ma jibqax ikun hemm bażi ġuridika għall-ipproċessar, id-*data* mhux ipproċessata trid titħassar. Tabilħaqq, sa fejn il-mudelli bijometriċi jiġu minn *data* bħal din, wieħed jista' jikkonsidra li l-kostituzzjoni ta' bażijiet ta' *data* tista' tirrappreżenta theddida ugwali jekk mhux saħansitra akbar (minħabba li mhux dejjem jista' jkun faċli li jinqara mudell bijometriku mingħajr ma jkun magħruf kif

kien ipprogrammat, filwaqt li d-*data* mhux ipproċessata tkun il-pedament ta' kwalunkwe mudell). F'każ li l-kontrollur tad-*data* jkun jeħtieġ li jżomm din id-*data*, iridu jiġu esplorati metodi ta' addittivi tal-istorbju (bħall-marka tal-ilma), li jagħmlu l-ħolqien ta' mudell ineffettiv. Il-kontrollur jeħtieġlu jħassar ukoll id-*data* bijometrika u l-mudelli fil-każ ta' aċċess mhux awtorizzat fit-terminal ta' qari-tqabbil jew fis-server tal-ħżin u jħassar kwalunkwe *data* mhux utli għal aktar ipproċessar fi tmiem il-ħajja tal-apparat bijometriku.

6 DRITTIJJET TAS-SUĠĠETT TAD-DATA

91. Minħabba n-natura tal-ipproċessar tad-*data* meta tintuża s-sorveljanza bil-video, xi drittijiet tas-suġġett tad-*data* skont il-GDPR jeħtieġ li jiġu ċċarati aktar. Madankollu, dan il-kapitolu mhux eżawrjenti, id-drittijiet kollha skont il-GDPR japplikaw għall-ipproċessar ta' *data* personali permezz ta' sorveljanza bil-video.

6.1 Dritt għall-aċċess

92. Suġġett tad-*data* għandu d-dritt li jikseb konferma mingħand il-kontrollur dwar jekk id-*data* personali tiegħu tkunx qed tiġi pproċessata. Għal sorveljanza bil-video, dan ifisser li jekk l-ebda *data* ma tinħażen jew tiġi ttrasferita fi kwalunkwe mod, ladarba l-mument tal-monitoraġġ f'ħin reali jkun għadda, il-kontrollur ikun jista' jagħti biss l-informazzjoni li ma tkun għadha qed tiġi pproċessata l-ebda *data* personali (minbarra l-obbligi ta' informazzjoni ġenerali skont l-Artikolu 13, ara t-*taqsima 7 – Obbligi ta' trasparenza u ta' informazzjoni*). Jekk, madankollu, id-*data* tkun għadha qed tiġi pproċessata fiż-żmien tat-talba (jiġifieri jekk id-*data* tkun maħżuna jew qed tiġi pproċessata b'mod kontinwu fi kwalunkwe mod ieħor), jenħtieġ li s-suġġett tad-*data* jirċievi aċċess u informazzjoni skont l-Artikolu 15.

93. Madankollu, hemm numru ta' limitazzjonijiet li f'xi każijiet jistgħu japplikaw fir-rigward tad-dritt ta' aċċess.

) L-Artikolu 15(4) tal-GDPR jaffettwa b'mod negattiv id-drittijiet ta' oħrajn

94. Minħabba li kwalunkwe numru ta' suġġetti tad-*data* jistgħu jiġu rreġistrati fl-istess sekwenza ta' sorveljanza bil-video, skrinjar imbagħad ikun jikkawża pproċessar addizzjonali ta' *data* personali ta' suġġetti oħra tad-*data*. Jekk is-suġġett tad-*data* jixtieq jirċievi kopja tal-materjal (l-Artikolu 15(3)), dan jista' jaffettwa b'mod ħażin id-drittijiet u l-libertajiet ta' suġġett tad-*data* ieħor fil-materjal. Sabiex jiġi evitat dan l-effett, jenħtieġ li, għalhekk, il-kontrollur iqis li minħabba n-natura intrużiva tal-filmati, jenħtieġ li l-kontrollur f'xi każijiet ma jagħtix il-filmati li fihom ikunu jistgħu jiġu identifikati suġġetti oħra tad-*data*. Madankollu, jenħtieġ li l-protezzjoni tad-drittijiet ta' partijiet terzi ma tintużax bħala skuża biex jiġu evitati talbiet leġittimi ta' aċċess minn individwi, u f'dawk il-każijiet jenħtieġ li l-kontrollur jimplimenta miżuri tekniċi biex jissodisfa t-talba għal aċċess (pereżempju, editjar ta' immaġnijiet bħal masking jew scrambling). Madankollu, il-kontrolluri mhumiex obbligati jimplimentaw tali miżuri tekniċi jekk ikunu jistgħu jiżguraw b'xi mod ieħor li huma kapaċi jirreaġixxu fuq talba skont l-Artikolu 15 fiż-żmien stipulat mill-Artikolu 12(3).

) L-Artikolu 11(2) tal-GDPR, il-kontrollur ma jistax jidentifika s-suġġett tad-*data*

95. Jekk il-filmati ma jkunx jista' jifittex għal *data* personali, (jiġifieri l-kontrollur x'aktarx ikollu jgħarbel ammont kbir ta' materjal maħżun sabiex isib is-suġġett tad-*data* inkwistjoni) il-kontrollur jista' ma jkunx jista' jidentifika s-suġġett tad-*data*.

96. Għal dawn ir-raġunijiet, jenħtieġ li s-suġġett tad-*data* (minbarra li jidentifika ruħu inkluż b'dokument ta' identifikazzjoni jew b'mod personali), fit-talba tiegħu lill-kontrollur, jispeċifika meta – fi żmien raġonevoli b'mod proporzjonat għall-ammont ta' suġġetti tad-*data* rreġistrati – huwa jkun daħal fiż-żona ssorveljata. Il-kontrollur jenħtieġ li jinnotifika lis-suġġett tad-*data* minn qabel dwar liema informazzjoni tkun meħtieġa sabiex il-kontrollur jikkonforma mat-talba. Jekk il-kontrollur ikun jista' juri li mhux f'pożizzjoni li jidentifika s-suġġett tad-*data*, il-kontrollur jeħtieġli jinforma lis-suġġett tad-*data* dwar dan, jekk possibbli. F'sitwazzjoni bħal din, fit-tweġiba tiegħu lis-suġġett tad-*data*, il-kontrollur jenħtieġ li jinforma dwar iż-żona eżatta għall-monitoraġġ,

il-verifika tal-kameras li kienu qed jintużaw eċċ. sabiex is-suġġett tad-*data* jkollu fehim sħiħ dwar liema *data* personali tiegħu setgħet ġiet ipproċessata.

Eżempju: Jekk suġġett tad-*data* qed jitlob kopja tad-*data* personali tiegħu pproċessata permezz ta' sorveljanza bil-video fl-entrata ta' stabbiliment kummerċjali bi 30 000 viżitatur kuljum, is-suġġett tad-*data* jenħtieġ li jispeċifika meta huwa jkun għadda miż-żona ssorveljata f'perjodu ta' bejn wieħed u ieħor siegħa. Jekk il-kontrollur għadu jipproċessa l-materjal, jenħtieġ li tiġi pprovduta kopja tal-filmat. Jekk suġġetti oħra tad-*data* jkunu jistgħu jiġu identifikati fl-istess materjal, allura dik il-parti tal-materjal jenħtieġ li tiġi anonimizzata (pereżempju billi jiċċajpru l-kopja jew partijiet minnha) qabel ma tingħata l-kopja lis-suġġett tad-*data* li jkun għamel it-talba.

Eżempju: Jekk il-kontrollur awtomatikament iħassar il-filmati kollha pereżempju fi żmien jumejn, il-kontrollur ma jkunx jista' jforni filmat lis-suġġett tad-*data* wara daww il-jumejn. Jekk il-kontrollur jirċievi talba wara daww il-jumejn, jenħtieġ li s-suġġett tad-*data* jiġi informat kif xieraq.

97.

) L-Artikolu 12 tal-GDPR, talbiet eċċessivi

98. F'każ ta' talbiet eċċessivi jew manifestament infondati minn suġġett tad-*data*, il-kontrollur jista' jew jitlob miżata raġonevoli skont l-Artikolu 12(5)(a) tal-GDPR, jew jirrifjuta li jaġixxi fuq it-talba (l-Artikolu 12(5)(b) tal-GDPR). Il-kontrollur jeħtieġ li jkun jista' juri n-natura manifestament infondata jew eċċessiva tat-talba.

6.2 Dritt għal tħassir u dritt għal oġġezzjoni

6.2.1 Dritt għal tħassir/ Dritt li tkun minsi(ja)

99. Jekk il-kontrollur ikompli jipproċessa d-*data* personali lil hinn mill-monitoraġġ f'ħin reali (eż. il-ħżin), is-suġġett tad-*data* jista' jitlob li d-*data* personali titħassar skont l-Artikolu 17 tal-GDPR.

100. Fuq talba, il-kontrollur huwa obbligat li jħassar id-*data* personali mingħajr dewmien żejjed jekk tkun applika waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 17(1) tal-GDPR (u ma tkun applika l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet elenkati fl-Artikolu 17(3) tal-GDPR). Dan jinkludi l-obbligu li titħassar *data* personali meta ma tkunx aktar meħtieġa għall-fini li għalih kienet maħżuna inizjalment, jew meta l-ipproċessar ikun illegali (ara wkoll it-*Taqsim 8 — Perjodi ta' ħżin u obbligu ta' tħassir*). Barra minn hekk, skont il-bażi ġuridika tal-ipproċessar, id-*data* personali jenħtieġ li titħassar:

- *għal kunsens* kull meta l-kunsens jiġi rtirat (u ma jkun hemm l-ebda bażi ġuridika oħra għall-ipproċessar)
- *għal interess leġittimu*.
 - o kull meta s-suġġett tad-*data* jeżerċita d-dritt li joġġezzjona (ara t-*Taqsim 6.2.2*) u ma jkun hemm l-ebda bażi leġittima konvinċenti prevalenti għall-ipproċessar, jew
 - o fil-każ ta' kummerċjalizzazzjoni diretta (inkluż it-tfassil ta' profili) kull meta s-suġġett tad-*data* joġġezzjona għall-ipproċessar.

101. Jekk il-kontrollur ikun ippubblika l-filmat (eż. xandir jew streaming online), jeħtieġ li jittieħdu passi raġonevoli sabiex jiġu informati kontrolluri oħra (li issa qed jipproċessaw id-*data* personali inkwistjoni) dwar it-talba skont l-Artikolu 17(2) tal-GDPR. Il-passi raġonevoli jenħtieġ li jinkludu miżuri tekniċi, b'kont meħud tat-teknoloġija disponibbli u tal-kost tal-implimentazzjoni. Sa fejn ikun possibbli, il-

kontrollur jenħtieġ li jinnotifika – wara t-tħassir tad-*data* personali – lil kull persuna li lilha tkun ġiet żvelata d-*data* personali fil-passat, f'konformità mal-Artikolu 19 tal-GDPR.

102. Minbarra l-obbligu tal-kontrollur li jħassar id-*data* personali fuq talba tas-suġġett tad-*data*, il-kontrollur huwa obbligat skont il-prinċipji ġenerali tal-GDPR li jillimita d-*data* personali maħżuna (ara t-*Taqsim* 8).
103. Għal sorveljanza bil-video, ta' min jinnota li pereżempju billi tiċċajpar l-istampa mingħajr kapaċità retroattiva biex tiġi rkuprata d-*data* personali li l-istampa kien fiha qabel, id-*data* personali titqies li tħassret skont il-GDPR.

Eżempju: Htanut tal-merċa qed ikollu problemi bil-vandaliżmu b'mod partikolari fuq in-naħa ta' barra tiegħu u, għalhekk, qed juża sorveljanza bil-video barra mill-entratura tiegħu f'konnessjoni diretta mal-ħitan. Persuna li kienet għaddejja mill-viċin titlob li d-*data* personali tagħha titħassar minn dak il-mument stess. Il-kontrollur huwa obbligat li jwieġeb għat-talba mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn xahar. Peress li l-filmat inkwistjoni ma għadux jissodisfa l-għan li għalih kien inizjalment maħżun (ma seħħ l-ebda vandaliżmu matul iż-żmien li fih is-suġġett tad-*data* għadda minn hemm), fil-mument tat-talba ma hemm l-ebda interess leġittimu li d-*data* tinħażen li jista' jegħleb l-interessi tas-suġġetti tad-*data*. Il-kontrollur jeħtiegħu jħassar id-*data* personali.

104.

6.2.2 Dritt ta' oġġezzjoni

105. Għal sorveljanza bil-video bbażata fuq *interess leġittimu* (l-Artikolu 6(1)(f) GDPR) jew minħabba l-ħtieġa matul it-tweqqif ta' kompitu fl-*interess pubbliku* (l-Artikolu 6(1)(e) tal-GDPR), is-suġġett tad-*data* għandu d-dritt – fi kwalunkwe ħin – li joġġezzjona, għal raġunijiet relatati mas-sitwazzjoni partikolari tiegħu, għall-ipproċessar f'konformità mal-Artikolu 21 tal-GDPR. Sakemm il-kontrollur ma jurix raġunijiet leġittimi konvinċenti li jegħlbu d-drittijiet u l-interessi tas-suġġett tad-*data*, l-ipproċessar tad-*data* tal-individwu li oġġezzjona mbagħad irid jieqaf. Il-kontrollur jenħtiegħ li jkun obbligat li jwieġeb għat-talbiet tas-suġġett tad-*data* mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn xahar.
106. Fil-kuntest tas-sorveljanza bil-video, din l-oġġezzjoni tista' ssir kemm waqt id-dħul fiż-żona mmonitorjata, matul iż-żmien imqatta' fiha, kif ukoll wara t-tluq minnha. Fil-prattika, dan ifisser li sakemm il-kontrollur ma jkollux raġunijiet leġittimi konvinċenti, il-monitoraġġ ta' żona fejn jistgħu jiġu identifikati persuni fiżiċi jkun legali biss jekk
 - (1) il-kontrollur ikun jista' jwaqqaf il-kamera immedjatament milli tipproċessa d-*data* personali meta ssir talba, jew inkella
 - (2) iż-żona mmonitorjata tkun ristretta f'tali dettall li l-kontrollur ikun jista' jiżgura l-approvazzjoni mis-suġġett tad-*data* qabel ma jidhul fiż-żona u ma tkunx żona li s-suġġett tad-*data* bħala ċittadin ikun intitolat li jaċċessa.
107. Dawn il-linji gwida ma għandhomx l-għan li jidentifikaw x'jitqies bħala interess leġittimu *konvinċenti* (l-Artikolu 21 tal-GDPR).
108. Meta tintuża sorveljanza bil-video għal finijiet ta' kummerċjalizzazzjoni diretta, is-suġġett tad-*data* għandu d-dritt li joġġezzjona għall-ipproċessar fuq bażi diskrezzjonali peress li d-dritt ta' oġġezzjoni huwa assolut f'dak il-kuntest (l-Artikolu 21(2) u (3) tal-GDPR).

Eżempju: Kumpanija qed tesperjenza diffikultajiet bi ksur ta' sigurtà fl-entratura pubblika tagħha u qed tuża sorveljanza bil-video fuq il-bażi ta' interess leġittimu, bl-għan li taqbad lil dawk li jidħlu b'mod illegali. Viżitatur joġġezzjona għall-ipproċessar tad-*data* tiegħu permezz tas-sistema ta' sorveljanza bil-video għal raġunijiet relatati mas-sitwazzjoni partikolari tiegħu. Madankollu, f'dan il-każ il-kumpanija tirrifjuta t-talba bl-ispjegazzjoni li l-filmat mażun huwa meħtieġ minħabba investigazzjoni interna li tkun għaddejja, u b'hekk ikollha raġunijiet leġittimi konvinċenti biex itkompli tipproċessa *data* personali.

109.

7 OBBLIGI TA' TRASPARENZA U TA' INFORMAZZJONI¹⁸

110. Ilu inerenti fil-liġi Ewropea dwar il-protezzjoni tad-*data* li s-suġġetti tad-*data* jenħtieġ li jkunu konxji tal-fatt li tkun qed tiġi operata sorveljanza bil-video. Dawn jenħtieġ li jiġu infurmati b'mod dettaljat dwar il-postijiet immonitorjati.¹⁹ Skont il-GDPR, l-obbligi ġenerali ta' trasparenza u informazzjoni huma stabbiliti fl-Artikolu 12 tal-GDPR u dawn li ġejjin. Il-“Guidelines on transparency under Regulation 2016/679” (“Linji Gwida dwar it-trasparenza skont ir-Regolament 2016/679”) (WP260) tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 li ġew approvati mill-EDPB fil-25 ta' Mejju 2018 jipprovdu aktar dettalji. F'konformità mal-par. 26 tad-WP260, huwa l-Artikolu 13 tal-GDPR li jkun applikabbli jekk tinġabar *data* personali “[...] minn suġġett tad-*data* b'osservazzjoni (eż. bl-użu ta' tagħmir awtomatizzat li jiġbor *data* jew softwer li jiġbor *data* bħal kameras [...]).”
111. Fid-dawl tal-volum ta' informazzjoni, li huwa meħtieġ li jiġi pprovdut lis-suġġett tad-*data*, approċċ stratifikat jista' jiġi segwit minn kontrolluri tad-*data* fejn jagħżlu li jużaw taħlita ta' metodi biex jiżguraw it-trasparenza (WP260, par. 35; WP89, par.22). Fir-rigward tas-sorveljanza bil-video, l-informazzjoni l-aktar importanti jenħtieġ li tintwera fuq is-sinjal ta' twissija nnifsu (l-ewwel saff) filwaqt li aktar dettalji obbligatorji jistgħu jiġu pprovduti b'mezzi oħra (it-tieni saff).

7.1 Informazzjoni tal-ewwel saff (sinjal ta' twissija)

112. L-ewwel saff jikkonċerna l-mod primarju ta' kif il-kontrollur l-ewwel jikkomunika mas-suġġett tad-*data*. F'dan l-istadju, il-kontrolluri jistgħu jużaw sinjal ta' twissija li juri l-informazzjoni rilevanti. L-informazzjoni murija tista' tingħata flimkien ma' ikona sabiex tingħata ħarsa ġenerali b'mod viżibbli faċilment, intelliġibbli u li jinqara b'mod ċar lejn l-ipproċessar intenzjonat (l-Artikolu 12(7) tal-GDPR). Il-format tal-informazzjoni jenħtieġ li jiġi aġġustat skont il-post individwali (WP89 par. 22).

7.1.1 Pożizzjonament tas-sinjal ta' twissija

113. L-informazzjoni jenħtieġ li tkun ippożizzjonata b'tali mod li s-suġġett tad-*data* jkun jista' jagħraf faċilment iċ-ċirkostanzi tas-sorveljanza qabel ma jidhul fiż-żona mmonitorjata (bejn wieħed u ieħor fil-livell tal-għajnejn). Mhuwiex meħtieġ li tiġi żvelata l-pożizzjoni tal-kamera dment li ma jkun hemm l-ebda dubju dwar liema żoni jkunu soġġetti għal monitoraġġ u l-kuntest tas-sorveljanza jkun iċċarat mingħajr ambigwiżità (WP 89, par. 22). Is-suġġett tad-*data* jeħtieġ li jkun kapaċi jikkalkola liema żona tkun koperta minn kamera biex b'hekk huwa jkun jista' jevita s-sorveljanza jew jadatta l-imġiba tiegħu jekk ikun hemm bżonn.

7.1.2 Kontenut tal-ewwel saff

114. L-informazzjoni tal-ewwel saff (is-sinjal ta' twissija) jenħtieġ li tgħaddi b'mod ġenerali l-aktar informazzjoni importanti, eż. id-dettalji tal-iskopijiet tal-ipproċessar, l-identità tal-kontrollur u l-eżistenza tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data*, flimkien ma' informazzjoni dwar l-akbar impatti tal-ipproċessar.²⁰ Dan jista' jinkludi pereżempju l-interessi leġittimi segwiti mill-kontrollur (jew minn parti terza) u d-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* (jekk applikabbli). Trid tirreferi wkoll għat-tieni saff ta' informazzjoni aktar dettaljat u fejn u kif wieħed ikun jista' jsibhom.

¹⁸ Jistgħu japplikaw rekwiżiti speċifiċi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

¹⁹ Ara d-WP859, Opinion 4/2004 on the Processing of Personal Data by means of Video Surveillance (“Opinjoni 4/2004 dwar l-Ipproċessar ta' *Data* Personali permezz ta' Sorveljanza bil-Video”) mill-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29.

²⁰ Ara l-par. 38 tad-WP260.

Eżempju: Sid ʔanut qed jimmonitorja l-ʔanut tiegʔu. Sabiex jikkonforma mal-Artikolu 13, huwa biżżejjed li jqiegʔed sinjal ta' twissija f'punt faċilment viżibbli fil-entrata tal-ʔanut tiegʔu, li jkun fih l-informazzjoni tal-ewwel saff. Barra minn hekk, irid jipprovi skeda ta' informazzjoni li jkun fiha l-informazzjoni tait-tieni saff gʔand il-kaxxier jew fi kwalunkwe post ċentrali ieʔor u faċilment aċċessibbli fil-ʔanut tiegʔu.

119.

8 PERJODI TA' ĦŻIN U OBBLIGU TA' TĦASSIR

120. Id-*data* personali ma tistax tinħażen għal żmien itwal minn dak li jkun meħtieġ għall-finijiet li għalihom tiġi pproċessata d-*data* personali (l-Artikolu 5(1)(c) u (e) tal-GDPR). F'xi Stati Membri, jista' jkun hemm dispożizzjonijiet speċifiċi għall-perjodi ta' ħżin fir-rigward tas-sorveljanza bil-video skont l-Artikolu 6(2) tal-GDPR.
121. Jekk il-ħżin tad-*data* personali ikunx meħtieġ jew le jenħtieġ li jiġi kkontrollat fi ħdan perjodu ta' żmien ristrett. B'mod ġenerali, l-iskopijiet leġittimi għas-sorveljanza bil-video spiss ikunu l-protezzjoni tal-proprjetà jew il-preservazzjoni tal-evidenza. Normalment, ħsarat li jkunu seħħew jistgħu jinstabu fi żmien ġurnata jew tnejn. Sabiex jiġi ffaċilitat il-wiri ta' konformità mal-qafas tal-protezzjoni tad-*data*, huwa fl-interess tal-kontrollur li jagħmel arranġamenti organizzazzjonali minn qabel (eż. jinnomina, jekk meħtieġ, rappreżentant għall-iskrinjar u s-salvagwardjar tal-materjal bil-video). Filwaqt li jitqiesu l-prinċipji tal-Artikolu 5(1)(c) u (e) tal-GDPR, jiġifieri l-minimizzazzjoni tad-*data* u l-limitazzjoni tal-ħżin, jenħtieġ li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet id-*data* personali (eż. għall-fini ta' detezzjoni ta' vandaliżmu) titħassar, idealment b'mod awtomatiku, wara ftit jiem. Aktar ma jkun twil il-perjodu ta' ħżin stabbilit (speċjalment meta jaqbeż it-72 siegħa), aktar ma jkollha tiġi pprovduta argumentazzjoni għal-leġittimità tal-iskop u tal-ħtieġa tal-ħżin. Jekk il-kontrollur juża sorveljanza bil-video mhux biss għall-monitoraġġ tal-bini tiegħu iżda jkollu wkoll l-intenzjoni li jaħżen id-*data*, il-kontrollur jeħtieġli jiżgura li l-ħżin ikun fil-fatt meħtieġ sabiex jintlaħaq l-iskop. Jekk dan ikun il-każ, il-perjodu ta' ħżin jeħtieġ li jkun iddefinit b'mod ċar u stabbilit b'mod individwali għal kull skop partikolari. Hija r-responsabbiltà tal-kontrollur li jiddefinixxi l-perjodu ta' żamma f'konformità mal-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità u li juri konformità mad-dispożizzjonijiet tal-GDPR.

Eżempju: Sid ta' ħanut żgħir normalment jinnota kwalunkwe vandaliżmu fl-istess jum. B'konsegwenza ta' dan, perjodu ta' ħżin regolari ta' 24 sigħat ikun biżżejjed. Madankollu, il-weekends magħluqa jew il-btajjel itwal jistgħu jkunu raġunijiet għal perjodu itwal ta' ħżin. Jekk jinstab li kien hemm xi ħsara, huwa jista' wkoll ikollu bżonn jaħżen filmat għal perjodu itwal sabiex jieħu azzjoni legali kontra d-delinkwent.

122.

9 MIŻURI TEKNIĊI U ORGANIZZAZZJONALI


123. Kif iddikjarat fl-Artikolu 32(1) tal-GDPR, l-ipproċessar ta' *data* personali waqt is-sorveljanza bil-video mhux biss irid ikun legalment permissibbli iżda l-kontrolluri u l-proċessuri għandhom jissalvagwardjaw b'mod adegwat ukoll. Il-**miżuri organizzazzjonali u tekniċi** implimentati jridu jkunu **proporzjonali għar-riskji għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-persuni fiżiċi**, li jirriżultaw minn qerda, telf, bidla, żvelar mhux awtorizzat jew aċċess aċċidentali jew illegali ta' *data* tas-sorveljanza bil-video. Skont l-Artikoli 24 u 25 tal-GDPR, il-kontrolluri jridu jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali wkoll sabiex jissalvagwardjaw il-prinċipji kollha tal-protezzjoni tad-*data* matul l-ipproċessar, u jistabbilixxu mezzi biex is-suġġetti tad-*data* jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif iddefinit fl-Artikoli 15-22 tal-GDPR. Jenħtieġ li l-kontrolluri tad-*data* jadottaw qafas u politiki interni li jiżguraw din l-implimentazzjoni kemm fiż-żmien tad-determinazzjoni tal-mezzi għall-ipproċessar kif ukoll fiż-żmien tal-ipproċessar innifsu, inkluża l-prestazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* meta jkun hemm bżonn.

9.1 Ħarsa ġenerali lejn is-sistema ta' sorveljanza bil-video

124. Sistema ta' sorveljanza bil-video (VSS)²¹ tikkonsisti f'apparat analogu u diġitali kif ukoll f'softwer għall-fini ta' qbid ta' immaġnijiet ta' xena, l-immaniġġjar tal-immaġnijiet u l-wiri tagħhom lil operatur. Il-komponenti tagħha huma miġbura fil-kategoriji li ġejjin:

-) Ambjent tal-video: teħid tal-immaġnijiet, interkonnexxjonijiet u mmaniġġjar tal-immaġnijiet:
 - o l-għan tat-teħid tal-immaġnijiet huwa l-ġenerazzjoni ta' immaġni tad-dinja reali f'format tali li jkun jista' jintuża mill-bqija tas-sistema,
 - o l-interkonnexxjonijiet jiddeskrivu t-trażmissjoni tad-*data* kollha fl-ambjent tal-video, jiġifieri l-konnexxjonijiet u l-komunikazzjonijiet. Eżempji ta' konnessjonijiet huma kejbils, netwerks diġitali, u trażmissjonijiet mingħajr fili. Il-komunikazzjonijiet jiddeskrivu s-sinjali kollha tad-*data* tal-video u tal-kontroll, li jistgħu jkunu diġitali jew analogi,
 - o l-immaniġġjar tal-immaġnijiet jinkludi l-analiżi, il-ħżin u l-preżentazzjoni ta' immaġni jew ta' sekwenza ta' immaġnijiet.
-) Mill-perspettiva tal-ġestjoni tas-sistema, VSS għandha l-funzjonijiet loġiċi li ġejjin:
 - o il-ġestjoni tad-*data* u l-ġestjoni tal-attivitajiet, li jinkludu l-kmandi tal-operaturi tal-immaniġġjar u l-attivitajiet iġġenerati mis-sistema (proċeduri ta' allarm, operaturi ta' twissija),
 - o interfaċċi ma' sistemi oħrajn jistgħu jinkludu konnessjoni ma' sistemi oħra ta' sigurtà (kontroll tal-aċċess, allarm tan-nar) u mhux ta' sigurtà (sistemi ta' ġestjoni tal-bini, rikonoxximent awtomatiku tal-pjanċi tal-karozzi).
-) Is-sigurtà tal-VSS tikkonsisti fil-kunfidenzjalità, fl-integrità u fid-disponibbiltà tas-sistema u tad-*data*:
 - o is-sigurtà tas-sistema tinkludi s-sigurtà fiżika tal-komponenti kollha tas-sistema u l-kontroll tal-aċċess għall-VSS,
 - o is-sigurtà tad-*data* tinkludi l-prevenzjoni ta' telf jew ta' manipolazzjoni tad-*data*.

²¹ Il-GDPR ma jipprovdi definizzjoni għaliha, pereżempju tista' tinstab deskrizzjoni teknika f'EN 62676-1-1:2014 Video surveillance systems for use in security applications – Part 1-1: Video system requirements.



125.

Image Capture	Ġbir ta' Immaġnijiet
Interconnections	Interkonnessjonijiet
Image Handling	Immaniġġjar tal-Immaġnijiet
Video Environment	Ambjent tal-Video
Activity and Data Management	Ġestjoni tal-Attivitajiet u tad- <i>Data</i>
Interfacing to Other Systems	Interfaċċi ma' Sistemi Ohra
System Management	Immaniġġjar tas-Sistemi
System	Sistema
Data	<i>Data</i>
Security	Sigurtà

Illustrazzjoni 1 - sstema ta' sorveljanza bil-video

9.2 Protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku

126. Kif iddikjarat fl-Artikolu 25 tal-GDPR, il-kontrolluri jeħtiġilhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa ta' protezzjoni tad-*data* hekk kif jippjanaw għas-sorveljanza bil-video – qabel ma jibdew il-ġbir u l-ipproċessar tal-filmati. Dawn il-prinċipji jenfasizzaw il-ħtieġa ta' teknoloġiji integrati li jtejbju l-privatezza, settings predefiniti li jimminimizzaw l-ipproċessar tad-*data*, u l-provvista tal-ġhodod meħtieġa li jippermettu l-oġhla protezzjoni possibbli tad-*data* personali²².
127. Jenħtieġ li l-kontrolluri jibnu salvagwardji għall-protezzjoni tad-*data* u għall-privatezza mhux biss fl-ispeċifikazzjonijiet tad-disinn tat-teknoloġija iżda anki fil-prattiki organizzazzjonali. Fir-rigward tal-prattiki organizzazzjonali, jenħtieġ li l-kontrollur jadotta qafas ta' ġestjoni xieraq, filwaqt li jistabbilixxi u jinforza politiki u proċeduri relatati mas-sorveljanza bil-video. Mill-perspettiva teknika, l-ispeċifikazzjoni u d-disinn tas-sistema jenħtieġ li jinkludu rekwiżiti għall-ipproċessar ta' *data* personali f'konformità mal-prinċipji ddikjarati fl-Artikolu 5 tal-GDPR (il-legalità tal-ipproċessar, l-iskop u l-limitazzjoni tad-*data*, il-minimizzazzjoni tad-*data* b'mod awtomatiku fis-sens tal-Artikolu 25(2) tal-

²² WP 168, Opinion on the "The Future of Privacy" ("Opinjoni dwar 'Il-Futur tal-Privatezza'"), kontribut konġunt mill-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-*Data* u mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pulizija u l-Ġustizzja għall-Konsultazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-qafas legali għad-dritt fundamentali għall-protezzjoni ta' *data* personali (adottata fl-1 ta' Diċembru 2009).

GDPR, l-integrità u l-kunfidenzjalità, ir-responsabbiltà, eċċ.). F'każ li kontrollur jippjana li jikseb sistema ta' sorveljanza bil-video kummerċjali, il-kontrollur jeħtieġ li jinkludi dawn ir-rekwiżiti fl-ispeċifikazzjoni tax-xiri. Il-kontrollur jeħtieġ li jiżgura l-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti billi japplikahom għall-komponenti kollha tas-sistema u għad-*data* kollha pproċessata minnha, matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tagħhom.

9.3 Eżempji konkreti ta' miżuri rilevanti

128. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri li jistgħu jintużaw biex tiġi żgurata sorveljanza bil-video, speċjalment meta jintużaw tagħmir u softwer diġitali, ma jkunux differenti minn dawk użati f'sistemi oħra tal-IT. Madankollu, irrispettivament mis-soluzzjoni magħżula, il-kontrollur jeħtieġli jiproteġi b'mod adegwat il-komponenti kollha ta' sistema ta' sorveljanza bil-video u d-*data* fl-istadji kollha, jiġifieri matul il-ħżin (*data* fi stat inattiv), it-trażmissjoni (*data* fi tranżitu) u l-ipproċessar (*data* fl-użu). Għal dan, huwa neċessarju li l-kontrolluri u l-proċessuri jikkombinaw miżuri organizzazzjonali u tekniċi.
129. Meta jagħżel soluzzjonijiet tekniċi, jeħtieġ li l-kontrollur jikkunsidra teknoloġiji li jirrispettaw il-privatezza anke għalix dawn isaħħu s-sigurtà. Eżempji ta' teknoloġiji bħal dawn huma sistemi li jippermettu tekniki ta' masking jew ta' scrambling ta' żoni li ma jkunux rilevanti għas-sorveljanza, jew it-tħassir bl-editjar ta' immaġnijiet ta' persuni terzi, meta jiġu pprovduti filmati lil suġġetti tad-*data*.²³ Min-naħa l-oħra, jeħtieġ li s-soluzzjonijiet magħżula ma jipprovdux funzjonijiet li mhumiex meħtieġa (eż. il-moviment illimitat ta' kameras, il-kapaċità ta' zoom, it-trażmissjoni bir-radju, l-analiżi u r-reġistrazzjonijiet awdjo). Il-funzjonijiet iprovduti, iżda mhux neċessarji, iridu jiġu diżattivati.
130. Hemm ħafna letteratura disponibbli dwar dan is-suġġett, inklużi l-istandards internazzjonali u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dwar is-sigurtà fiżika tas-sistemi multimedjali²⁴, u s-sigurtà tas-sistemi ġenerali tal-IT²⁵. Għalhekk, din it-taqsimha tipprovdwi biss ħarsa ġenerali ta' livell għoli lejn dan is-suġġett.

9.3.1 Miżuri organizzazzjonali

131. Minbarra DPIA potenzjali meħtieġa (ara t-*Taqsimha 10*), jeħtieġ li l-kontrolluri jikkunsidraw is-suġġetti li ġejjin meta joħolqu l-politiki u l-proċeduri tagħhom dwar is-sorveljanza bil-video:
-) Min hu responsabbli għall-ġestjoni u għat-tħaddim tas-sistema ta' sorveljanza bil-video.
 -) L-iskop u l-ambitu tal-proġett ta' sorveljanza bil-video.
 -) Użu xieraq u pprojbit (fejn u meta s-sorveljanza bil-video tkun permessa u fejn u meta ma tkunx; eż. l-użu ta' kameras moħbijin u r-reġistrazzjoni tal-awdjo minbarra tal-video)²⁶.
 -) Miżuri ta' trasparenza kif imsemmi fit-*Taqsimha 7 (Obbligi ta' trasparenza u ta' informazzjoni)*.
 -) Kif jiġi r-registreat video u għal kemm ħin, inkluż il-ħżin fl-arkivji ta' reġistrazzjonijiet video marbuta ma' inċidenti tas-sigurtà.
 -) Min irid jagħmel it-taħriġ rilevanti u meta.
 -) Min ikollu aċċess għar-reġistrazzjonijiet video u għal liema għanijiet.

²³ L-użu ta' tali teknoloġiji jista' wkoll ikun obligatorju f'xi każijiet sabiex ikun hemm konformità mal-Artikolu 5(1)(c). Fi kwalunkwe każ dawn jistgħu jservu ta' eżempji tal-aħjar Prattika.

²⁴ IEC TS 62045 — Multimedia security - Guideline for privacy protection of equipment and systems in and out of use.

²⁵ ISO/IEC 27000 — Information security management systems series.

²⁶ Dan jista' jiddependi mil-liġijiet nazzjonali u mir-regolamenti settorjali.

-)] Proċeduri operazzjonali (eż. minn min u minn fejn is-sorveljanza bil-video tiġi mmonitorjata, x'għandu jsir f'każ ta' inċident ta' ksur ta' *data*).
-)] Liema proċeduri jeħtieġ li jiġu segwiti minn partijiet esterni sabiex jitolbu reġistrazzjonijiet video, u proċeduri għaċ-ċaħda jew għall-aċċettazzjoni ta' talbiet bħal dawn.
-)] Proċeduri għall-akkwist, għall-installazzjoni u għall-manutenzjoni tal-VSS.
-)] Proċeduri ta' ġestjoni ta' inċidenti u ta' rkupru.

9.3.2 Miżuri tekniċi

132. **Sigurtà tas-sistema** tfisser **sigurtà fiżika** tal-komponenti kollha tas-sistema, u integrità tas-sistema jiġifieri **protezzjoni kontra u reżiljenza matul interferenza intenzjonata u mhux intenzjonata mal-operazzjonijiet normali tagħha u kontroll tal-aċċess**. Sigurtà tad-*data* tfisser **kunfidenzjalità** (id-*data* tkun aċċessibbli biss għal dawk li jingħataw aċċess), **integrità** (il-prevenzjoni kontra t-telf jew il-manipulazzjoni tad-*data*) u d-**disponibbiltà** (id-*data* tkun tista' tiġi aċċessata meta tkun meħtieġa).
133. Is-**sigurtà fiżika** hija parti vitali mill-protezzjoni tad-*data* u l-ewwel linja ta' difiża, għaliex tipproteġi t-tagħmir tal-VSS minn serq, vandaliżmu, diżastru naturali, katastrofi magħmula mill-bniedem u ħsara aċċidentali (eż. minn tluġh f'daqqa tal-elettriku, temperaturi estremi u twaqqiġh tal-kafè). F'każ ta' sistemi bbażati fuq teknoloġiji analogi, is-sigurtà fiżika taqdi r-rwol ewlieni fil-protezzjoni tagħhom.
134. Is-**sigurtà tas-sistema u tad-*data***, jiġifieri l-protezzjoni kontra interferenza intenzjonali u mhux intenzjonali fl-operazzjonijiet normali tagħha tista' tinkludi:
-)] Protezzjoni tal-infrastruttura tal-VSS kollha (inklużi kameras mill-bogħod, mogħdija tal-kejbiels u provvista tal-elettriku) kontra t-tbagħbis fiżiku u s-serq.
 -)] Protezzjoni tat-trażmissjoni tal-filmati b'kanali ta' komunikazzjoni siguri kontra l-interċettazzjoni
 -)] Kriptaġġ ta' *data*.
 -)] L-użu ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq hardware u software bħal firewalls, sistemi antivirus jew sistemi ta' detezzjoni ta' intrużjoni kontra attakki ċibernetiċi.
 -)] Individwazzjoni ta' ħsarat f'komponenti, f'softwer u f'interkonnessjonijiet.
 -)] Mezzi biex jergġhu jiġu stabbiliti d-disponibbiltà u l-aċċess għas-sistema fil-każ ta' inċident fiżiku jew tekniku.
135. Il-**kontroll tal-aċċess** jiżgura li persuni awtorizzati biss ikunu jistgħu jaċċessaw is-sistema u d-*data*, filwaqt li oħrajn ma jitħallewx jagħmlu dan. Il-miżuri li jappoġġjaw il-kontroll tal-aċċess fiżiku u loġiku jinkludu:
-)] L-iżgurar li l-bini kollu fejn isir monitoraġġ permezz ta' sorveljanza bil-video u fejn jinħażnu filmati jkun issalvagwardjat kontra aċċess mhux issorveljat minn partijiet terzi.
 -)] It-tqegħid tal-monitors b'tali mod (speċjalment meta jkunu f'żoni miftuħa, bħal akkoljenza) sabiex l-operaturi awtorizzati biss ikunu jistgħu jarawhom.
 -)] Il-proċeduri għall-għoti, għat-tibdil u għar-revoka tal-aċċess fiżiku u loġiku huma ddefiniti u infurzati.
 -)] Huma implimentati metodi u mezzi ta' awtentikazzjoni u ta' awtorizzazzjoni tal-utenti inklużi, eż., it-tul tal-passwords u l-frekwenza tat-tibdil tal-passwords.
 -)] L-azzjonijiet imwettqa mill-utent (kemm fuq is-sistema kif ukoll fuq id-*data*) jiġu rreġistrati u riveduti regolarmet.
 -)] Il-monitoraġġ u d-detezzjoni ta' fallimenti tal-aċċess isiru kontinwament u d-dgħufijiet identifikati jiġu indirizzati mill-aktar fis possibbli.

10 VALUTAZZJONI TAL-IMPATT FUQ IL-PROTEZZJONI TAD-DATA

136. Skont l-Artikolu 35(1) tal-GDPR, il-kontrolluri huma meħtieġa jwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* (DPIA) meta tip ta' pproċessar ta' *data* x'aktarx li jirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-persuni fiżiċi. L-Artikolu 35(3)(c) tal-GDPR jistipula li l-kontrolluri huma meħtieġa jwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* jekk l-ipproċessar jikkostitwixxi monitoraġġ sistematiku ta' żona aċċessibbli għall-pubbliku fuq skala kbira. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 35(3)(b) tal-GDPR, tkun meħtieġa wkoll valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* meta l-kontrollur ikollu l-ħsieb li jipproċessa kategoriji speċjali ta' *data* fuq skala kbira.
137. Il-Linji Gwida dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data*²⁷ jipprovdu aktar pariri, u eżempji aktar dettaljati rilevanti għas-sorveljanza bil-video (eż. dwar l-“użu ta' sistema ta' kameras għall-monitoraġġ tal-imġiba tas-sewqan fl-awtostradi”). L-Artikolu 35(4) tal-GDPR jirrikjedi li kull awtorità superviżorja tippubblika lista tat-tip ta' operazzjonijiet ta' pproċessar li huma soġġetti għal DPIA obbligatorja f'pajjiżhom. Dawn il-listi normalment ikunu jistgħu jinstabu fuq is-siti web tal-awtoritajiet. Minħabba l-finijiet tipiċi tas-sorveljanza bil-video (il-protezzjoni tal-persuni u tal-proprjetà, id-detezzjoni, il-prevenzjoni u l-kontroll tar-reati, il-ġbir tal-evidenza u l-identifikazzjoni bijometrika ta' persuni suspettati), huwa raġonevoli li wieħed jassumi li ħafna każijiet ta' sorveljanza bil-video ser ikunu jeħtieġu DPIA. Għalhekk, jenħtieġ li l-kontrolluri tad-*data* jikkonsultaw b'attenzjoni dawn id-dokumenti sabiex jiddeterminaw jekk tali valutazzjoni tkunx meħtieġa u jwettquha jekk tkun neċessarja. L-eżitu tad-DPIA mwettqa jenħtieġ li jiddetermina l-għażla tal-kontrollur tal-miżuri ta' protezzjoni tad-*data* implimentati.
138. Huwa importanti wkoll li wieħed jinnota li jekk ir-riżultati tad-DPIA jindikaw li l-ipproċessar ikun jirriżulta f'riskju għoli minkejja l-miżuri ta' sigurtà pplanati mill-kontrollur, allura jkun hemm bżonn li tiġi kkonsultata l-awtorità superviżorja rilevanti qabel l-ipproċessar. Dettalji dwar konsultazzjonijiet minn qabel jistgħu jinstabu fl-Artikolu 36.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Andrea Jelinek)

²⁷ WP248 rev.01, Guidelines on Data Protection Impact Assessment (DPIA) and determining whether processing is “likely to result in a high risk” for the purposes of Regulation 2016/679 (“Linji gwida dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Protezzjoni tad-*Data* (DPIA) u d-determinazzjoni ta' jekk l-ipproċessar ‘aktarx li jirriżulta f'riskju għoli’ għall-finijiet tar-Regolament 2016/679”). - approvati mill-EDPB